ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 141

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

6 ta' Ġunju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 468/2009 tal-5 ta' Ġunju 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix . . . . . . . . 1

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2009/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward is-solventi tal-estrazzjoni użati fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u l-ingredjenti tal-ikel (Tfassil mill-ġdid)** ([1]) . . . . . . . . 3

★ **Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (Tfassil mill-ġdid)** ([1]) . . . . . . . . 12

★ **Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (Tfassil mill-ġdid)** ([1]) . . . 29

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*





L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/431/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2009 li tagħti deroga mitluba mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-Ingilterra, l-Iskozja u Wales skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3853)* . . . . . . . . . . 48

MT

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 468/2009

**tal-5 ta' Ġunju 2009**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 32,7 |
| | MK | 43,9 |
| | TR | 55,6 |
| | ZZ | 44,1 |
| 0707 00 05 | MK | 24,8 |
| | TR | 98,6 |
| | ZZ | 61,7 |
| 0709 90 70 | TR | 113,3 |
| | ZZ | 113,3 |
| 0805 50 10 | AR | 70,4 |
| | TR | 60,0 |
| | ZA | 64,1 |
| | ZZ | 64,8 |
| 0808 10 80 | AR | 114,0 |
| | BR | 74,1 |
| | CA | 69,7 |
| | CL | 88,3 |
| | CN | 85,0 |
| | NA | 101,9 |
| | NZ | 103,9 |
| | US | 124,3 |
| | ZA | 73,4 |
| | ZZ | 92,7 |
| 0809 10 00 | TN | 169,2 |
| | TR | 209,1 |
| | ZZ | 189,2 |
| 0809 20 95 | US | 453,6 |
| | ZZ | 453,6 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2009/32/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tat-23 ta' April 2009

### dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward is-solventi tal-estrazzjoni użati fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u l-ingredjenti tal-ikel

**(Tfassil mill-ġdid)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Direttiva tal-Kunsill 88/344/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1988, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward is-solventi tal-estrazzjoni użati fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u l-ingredjenti tal-ikel ([3]) ġiet emendata kemm-il darbab'mod *sinifikattiv* ([4]). Minħabba li ser isiru aktar emendi hija għandha tiġi mfassla mill-ġdid, għall-interessi tal-kjarezza.

(2) Id-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mas-solventi tal-estrazzjoni jtellfu l-moviment liberu tal-oġġetti tal-ikel u jistgħu joħolqu kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ugwali biex b'hekk jiġi affetwat direttament il-mod kif jaħdem is-suq intern.

(3) L-approssimazzjoni ta' dawk il-liġijiet hija għalhekk meħtieġa jekk irid jinkiseb il-moviment liberu tal-oġġetti tal-ikel.

(4) Il-liġijiet li għandhom x'jaqsmu mas-solventi tal-estrazzjoni għall-użu fl-oġġetti tal-ikel għandhom primarjament iqisu l-ħtiġiet tas-saħħa tal-bniedem iżda wkoll, fil-limiti meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa, il-ħtiġiet ekonomiċi u tekniċi.

(5) Din l-approssimazzjoni għandha tinvolvi l-istabbiliment talista waħda tas-solventi tal-estrazzjoni għall-preparazzjoni tal-oġġetti tal-ikel jew tal-ingredjenti tal-ikel. Għandhom ukoll jiġu speċifikati l-kriterji ġenerali tal-purità.

(6) L-użu ta' solvent tal-estrazzjoni skond il-kondizzjonijiet tal-prattika t-tajba tal-manifattura għandu jirriżulta fit-tneħħija tar-residwi kollha tas-solvent jew tal-biċċa l-kbira minnhom mill-oġġett tal-ikel jew mill-ingredjent tal-ikel.

(7) Taħt dawn il-kondizzjonijiet, il-preżenza ta' residwi jew ta' derivati fl-oġġett tal-ikel jew fl-ingredjent tal-ikel aħħari tista' ma tkunx intenzjonata iżda teknikament inevitabbli.

(8) Minkejja li b'mod ġenerali tkun utli limitazzjoni speċifika, m'hemmx għalfejn tiġi stabbilita għas-sustanzi elenkati fil-Parti I tal-Anness I li jkunu nstabu aċċettabbli rigward is-sigurezza tal-konsumatur meta jkunu użati taħt il-kondizzjonijiet tal-prattika t-tajba tal-manifattura.

(9) Biex titqies il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet dwar l-użu ta' solventi oħra tal-estrazzjoni elenkati fil-Partijiet II u III tal-Anness I u l-valuri massimi tar-residwi permessi fl-ikel u fl-ingredjenti tal-ikel.

(10) Għandhom jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi dwar il-purità għas-solventi tal-estrazzjoni u għall-metodi tal-analiżi u għal kif jittieħdu l-kampjuni tas-solventi tal-estrazzjoni ġewwa u fuq l-oġġetti tal-ikel.

---

([1]) ĠU C 224, 30.8.2008, p. 87.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Settembru 2008 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 2009.
([3]) ĠU L 157, 24.6.1988, p. 28.
([4]) Ara l-Anness II, Parti A.

(11) Jekk l-użu ta' solvent tal-estrazzjoni li għalih hemm provvediment f'din id-Direttiva jidher li joħloq riskju għas-saħħa b'riżultat tat-tagħrif ġdid, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jissospendu jew jillimitaw dan l-użu, jew inaqqsu l-limiti eżistenti, sakemm tittieħed deċiżjoni fil-livell Komunitarju.

(12) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta'Ġunju 1999 li tistabbiliixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(13) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex, b'mod partikolari, temenda l-lista ta' solventi ta' estrazzjoni li jistgħu jintużaw waqt l-ipproċessar tal-materji prima, ta' oġġetti tal-ikel, jew tal-komponenti jew l-ingredjenti ta' dawn il-prodotti, u l-ispeċifikazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom u l-limiti massimi tar-residwu, u sabiex tadotta kriterji speċifiċi tal-purità tas-solventi tal-estrazzjoni u għall-metodi tal-analiżi meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji ġenerali u speċifiċi tal-purità u għal kif jittieħdu l-kampjuni tas-solventi tal-estrazzjoni ġewwa u fuq l-oġġetti tal-ikel. Peress li dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn jeħtieġ li jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(14) Għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-limiti ta' żmien normalment applikabbli għal proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom jitnaqqsu għall-adozzjoni ta' emendi għal-lista ta' solventi ta' estrazzjoni li jistgħu jintużaw waqt l-ipproċessar tal-materji prima, ta' oġġetti tal-ikel, jew tal-komponenti jew l-ingredjenti ta' dawn il-prodotti u l-ispeċifikazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom u l-limiti massimi tar-residwu u sabiex jiġu adottati kriterji speċifiċi tal-purità tas-solventi tal-estrazzjoni.

(15) Meta, għal raġunijiet ta' urġenza imperattiva, b'mod partikolari fejn jeżisti perikolu għas-saħħa tal-bniedem, ma jkunx possibli li jiġu osservati l-limiti ta' żmien normalment applikabbli għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, il-Kummissjoni għandha jkollha l-possibilità li tapplika l-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 5a(6) tad-deċiżjoni 1999/468/KE għall-adozzjoni tal-emendi għall-lista ta' solventi ta' estrazzjoni li jistgħu jintużaw waqt l-ipproċessar tal-materji prima, ta' oġġetti tal-ikel, jew tal-komponenti jew l-ingredjenti ta' dawn il-prodotti, u l-ispeċifikazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom u l-limiti massimi tar-residwu, u sabiex tadotta kriterji speċifiċi tal-purità tas-solventi tal-estrazzjoni, kif ukoll għall-adozzjoni ta' emendi għal din id-Direttiva meta jkun stabbilit li l-użu fl-oġġetti tal-ikel ta' kwalunkwe sustanza użata fl-Anness I jew il-livell ta' wieħed jew aktar mill-komponenti msemmija fl-Artikolu 3 preżenti f'dawn is-sustanzi ikun jista' jipperikola is-saħħa tal-bniedem għalkemm ikun jikkonforma mal-kondizzjoniet f'din id-Direttiva.

(16) L-elementi ġodda introdotti f'din id-Direttiva jikkonċernaw biss il-proċeduri tal-kumitati. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu trasposti mill-Istati Membri.

(17) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva tapplika għas-solventi tal-estrazzjoni użati jew maħsuba biex jintużaw fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel jew tal-ingredjenti tal-ikel.

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għas-solventi tal-estrazzjoni użati fil-produzzjoni tal-addittivi tal-ikel, il-vitamini jew addittivi nutrijenti oħra, għajr jekk dawn l-addittivi tal-ikel, il-vitamini jew l-addittivi nutrijenti huma elenkati fl-Anness I.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-użu tal-addittivi tal-ikel, il-vitamini u l-addittivi nutrijenti l-oħra ma jirriżultax sabiex l-oġġetti tal-ikel jkun fihom livelli ta' residwi tas-solvent tal-estrazzjoni li jkunu ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem.

Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet adottati skond regoli Komunitarji aktar speċifiċi.

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "solvent" ifisser kull sustanza użata sabiex tħoll l-oġġett tal-ikel jew kull komponent tiegħu, inkluż kull kontaminant preżenti ġewwa jew fuq dan l-oġġett tal-ikel;

(b) "solvent tal-estrazzjoni" ifisser solvent li huwa użat skond proċedura tal-estrazzjoni matul il-proċessar tal-materji prima, ta' oġġetti tal-ikel, jew tal-komponenti jew l-ingredjenti ta' dawn il-prodotti u li jiġi mneħħi iżda li jista' jirriżulta fil-preżenza mhux intenzjonata, iżda teknikament inevitabbli, ta' residwi jew derivati fl-oġġetti tal-ikel jew fl-ingredjent tal-ikel.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-użu tas-solventi tal-estrazzjoni fil-manifattura tal-oġġetti tal-ikel jew tal-ingredjenti tal-ikel ta' dawk is-sustanzi u materjali elenkati fl-Anness I, skond il-kondizzjonijiet tal-użu u fejn xieraq fil-limiti massimi tar-residwi speċifikati f'dak l-Anness.

L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixklu t-tqegħid fis-suq tal-oġġetti tal-ikel jew tal-ingredjenti tal-ikel għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mas-solventi tal-estrazzjoni użati jew mar-residwi tagħhom jekk dawn jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri la għandhom jawtorizzaw l-użu ta' sustanzi u materjali oħra bħala solventi tal-estrazzjoni, u lanqas jestendu l-kondizzjonijiet jew l-użu jew ir-residwi permessi tas-solventi tal-estrazzjoni elenkati fl-Anness I lil hemm minn dawk speċifikati fih.

3. L-ilma, li jista' jkun ġie miżjud b'sustanzi li jirregolaw l-aċidità jew l-alkalinità, sustanzi oħra tal-ikel li jkollhom proprjetajiet tas-solvent huma awtorizzati bħala solventi tal-estrazzjoni fil-manifattura tal-oġġetti tal-ikel jew tal-ingredjenti tal-ikel.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi s-sustanzi u l-materjali elenkati bħala solventi tal-estrazzjoni fl-Anness I jikkonformaw mal-kriterji tal-purità ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

(a) m'għandux ikun fihom ammont tossikoloġiku perikoluż ta' xi element jew sustanza;

(b) bla ħsara għal kull eċċezzjoni dderivata mill-kriteriji speċifiċi tal-purità adottati skond il-punt (d) tal-Artikolu 4, m'għandux ikun fihom aktar minn 1 mg/kg ta' arseniku jew aktar minn 1 mg/kg ta' ċomb;

(c) għandhom jissodisfaw il-kriterji speċifiċi tal-purità adottati skond il-punt (d) tal-Artikolu 4.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni għandha tadotta dawn li ġejjin:

(a) l-emendi meħtieġa għall-Anness I fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku fil-kamp tal-użu ta' solventi, tal-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom u tal-limiti massimi tar-residwu;

(b) il-metodi tal-analiżi meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji ġenerali u speċifiċi tal-purità previsti fl-Artikolu 3;

(c) il-proċedura għat-teħid tal-kampjuni u l-metodi għall-analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tas-solventi tal-estrazzjoni elenkati fl-Anness I u użati fl-oġġetti tal-ikel jew fl-ingredjenti tal-ikel;

(d) jekk meħtieġa, il-kriterji speċifiċi tal-purità tas-solventi tal-estrazzjoni elenkati fl-Anness I, u b'mod partikulari l-limiti massimi permessi ta' merkurju u ta' kadmju fis-solventi tal-estrazzjoni.

Il-miżuri msemmija fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi, *inter alia*, jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 6(2).

Il-miżuri mssemmija fil-punti (a) u (d) tal-ewwel subparagrafu, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi, *inter alia*, jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 6(3).

Fejn meħtieġ, il-miżuri msemmija fil-punti (a) u (d) tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatarja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 6(4).

*Artikolu 5*

1. Meta Stat Membru, b'riżultat tat-tagħrif ġdid jew ta' evalwazzjoni mill-ġdid tat-tagħrif eżistenti magħmula mindu kienet addottata din id- Direttiva, ikollu raġunijiet iddettaljati sabiex jistabbilixxi illi l-użu fl-oġġetti tal-ikel ta' xi sustanza elenkata fl-AnnessI jew li l-livell ta' wieħed jew aktar mill-komponenti riferiti fl-Artikolu 3 misjub f'dawn is-sustanzi jistgħu jipperikolaw is-saħħa tal-bniedem għalkemm jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, dak l-Istat Membru jista' jissospendi jew jirrestrinġi temporanjament l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fit-territorju tiegħu. Għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan minnufih u jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina malajr kemm jista' jkun ix-xhieda mogħtija mill-Istat Membru konċernat u tikkonsulta lill-Kumitat msemmi fl-Artikolu 6(1) , imbagħad għandha tagħti l-opinjoni tagħha minnufih u tieħu l-miżuri adatti, li jistgħu jieħdu l-post tal-miżuri riferiti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Jekk il-Kummissjoni tqis illi huma meħtieġa emendi għal din id-Direttiva sabiex issolvi d-diffikultajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u sabiex tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, għandha taddotta dawn l-emendi.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottatiskond il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 6(4) .

Kull Stat Membru li jkun adotta miżuri ta' salvagwardja jista' f'dan il-każ iżommhom sakemm l-emendi jidħlu fis-seħħ fit-territorju tiegħu.

*Artikolu 6*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorita' Ewropea dwar is-Sigurta' fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurta' tal-ikel ([1]).

2. Fil-każ li ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, waqt li jkunu meqjusa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fil-każ li ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a(1) sa (4) u (5)(b) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, waqt li jkunu meqjusa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodi previsti fl-Artikolu 5a(3)(c), (4)(b) u (4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament.

4. Fil-każ li ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a(1), (2), (4) u (6) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, waqt li jkunu meqjusa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 7*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi s-sustanzi elenkati fl-Anness I u maħsuba għall-użu bħala solventi tal-estrazzjoni fl-oġġetti tal-ikel ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq għajr jekk l-imballaġġ, il-kontenituri jew it-tikketti tagħhom ikun fihom il-partikolaritjiet li ġejjin hekk li jkunu jidhru b'mod faċli, jinqraw b'mod ċar u ma jithassrux:

(a) l-isem kummerċjali kif indikat fl-Anness I;

(b) indikazzjoni ċara illi l-materjal huwa ta' kwalità adatta sabiex jintuża' għall-estrazzjoni tal-ikel jew tal-ingredjenti tal-ikel;

(c) referenza li biha l-lott ikun jista' jiġi identifikat;

(d) l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-fabbrikant jew tal-ippakkjatur jew tal-bejjiegħ stabbilit fil-Komunità;

(e) l-ammont nett mogħti bħala unitajiet tal-volum;

(f) jekk meħtieġa, il-kondizzjonijiet speċjali tal-ħażna jew il-kondizzjonijiet tal-użu.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-partikolaritjiet speċifikati filpunti (c), (d), (e) u (f) ta' dak il-paragrafu jistgħu jidhru biss fuq id-dokumenti kummerċjali li jkollhom x'jaqsmu mal-lott li jridu jiġu fornuti mal-kunsinna jew qabel.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet Komunitarji iktar preċiżi jew aktar estensivi rigward l-użin u l-kejl jew id-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-klassifikar, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tas-sustanzi u tat-taħlitiet perikolużi.

4. L-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jistabbilixxu ħtiġiet aktar iddettaljati minn dawk li jinsabu diġà f'dan l-Artikolu rigward il-mod li bih il-partikolaritajiet provduti jridu jintwerew.

Kull Stat Membru għandu, madankollu, jiżgura illi jiġi pprojbit il-bejgħ tas-solventi tal-estrazzjoni fit-territorju tiegħu jekk il-partikolaritajiet li hemm provvediment dwarhom f'dan l-Artikolu ma jidhrux f'lingwa li tinftiehem b'mod faċli mix-xerrejja, għajr jekk ikunu ttieħdu miżuri oħra sabiex jiżguraw illi x-xerrej jiġi mgħarraf. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tipprevjeni milli dawn il-partikolaritajiet jiġu indikati f'lingwi varji.

*Artikolu 8*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika ukoll għas-solventi tal-estrazzjoni użati jew maħsuba biex jintużaw fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel jew tal-ingredjenti tal-ikel importati fil-Komunità.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għas-solventi tal-estrazzjoni, jew għall-oġġetti tal-ikel maħsuba għall-esportazzjoni l' barra mill-Komunità.

*Artikolu 9*

Id-Direttiva 88/344/KEE, kif emendata mill-atti mniżżla fl-Anness II, Parti A, hija *mħassra*, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 10*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 11*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, it-23 ta' April 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | P. NEČAS |

*ANNESS I*

## IS-SOLVENTI TAL-ESTRAZZJONI LI JISTGĦU JINTUŻAW MATUL IL-PROĊESSAR TAL-MATERJI PRIMA, TAL-OĠĠETTI TAL-IKEL, TAL-KOMPONENTI TAL-IKEL JEW TAL-INGREDJENTI TAL-IKEL

### IL-PARTI I

**Is-solventi tal-estrazzjoni li għandhom jintużaw skond il-prattika tajba tal-manifattura għall-użi kollha** [1]

L-isem:

Il-Propan

Il-Butan

L-Aċetat tal-Etil

L-Etanol

Id-Dijossidu tal-Karbonju

L-Aċetone [2]

L-Ossidu tan-Nitroġenu

[1] Solvent tal-estrazzjoni huwa kkunsidrat bħala li jintuża f' konformità ma' prattika tajba ta' fabbrikazzjoni jekk l-użu tiegħu jirriżulta biss fil-preżenza ta' residwi jew derivativi fi kwantitajiet teknikament inevitabbli li ma jippreżentaw ebda perikolu għas-saħħa umana.
[2] L-użu tal-Aċetone fir-raffinament taż-żejt taż-żebbuġa-pomaċja huwa pprojbit.

### IL-PARTI II

**Is-solventi tal-estrazzjoni li għalihom il-kondizzjonijiet tal-użu huma speċifikati**

| L-Isem | Il-Kondizzjonijiet tal-użu (id-deskrizzjoni sommarja tal-estrazzjoni) | Il-Limiti massimi tar-residwi fl-oġġett tal-ikel estratt jew fl-ingredjent tal-ikel |
|---|---|---|
| Il-Hexane [1] | Il-produzzjoni jew il-frazzjonalizzazzjoni tax-xaħmijiet u ż-żjut u l-produzzjoni tal-butir tal-kawkaw | 1 mg/kg fix-xaħam jew fiż-żejt jew fil-butir tal-kawkaw |
| | It-tħejjija tal-prodotti tal-proteini bix-xaħam imneħħi u ta' tipi ta' dqiq bix-xaħam imneħħi | 10 mg/kg fl-ikel li jkun fih il-prodotti tal-proteini bix-xaħam imneħħi u tipi ta' dqiq bix-xaħam imneħħi |
| | | 30 mg/kg fil-prodotti tas-soy bix-xaħam imneħħi kif mibjugħa lill-aħħar konsumatur |
| | It-tħejjija tal-ġermolji taċ-ċereali bix-xaħam imneħħi | 5 mg/kg fil-germolji taċ-ċereali bix-xaħam imneħħi |
| L-Aċetat tal-metil | It-tneħħija tal-kafeina, jew it-tneħħija tal-irritanti jew l-imrar mill-kafè u t-te | 20 mg/kg fil-kafè jew it-te |
| | Il-produzzjoni taz-zokkor mill-ġulepp magħqud (molasses) | 1 mg/kg fiz-zokkor |
| L-etilmetilketone1 [2] | Il-frazzjonizzazzjoni tax-xaħmijiet u ż-żjut | 5 mg/kg fix-xaħam jew fiż-żejt |
| | It-tneħħija tal-kafeina, jew it-tneħħija tal-irritanti jew l-imrar mill-kafè u t-te | 20 mg/kg fil-kafè jew fit-te |
| Id-diklorometane | It-tneħħija tal-kafeina, jew it-tneħħija tal-irritanti jew l-imrar mill-kafè u t-te | 2 mg/kg fil-kafè inkaljat u 5 mg/kg fit-te |
| Methanol | Għall-użi kollha | 10 mg/kg |
| Propan-2-ol | Għall-użi kollha | 10 mg/kg |

[1] Il-Hexane huwa prodott kummerċjali li essenzjalment fih l-idrokarboni aċikliċi saturati li jkun fihom sitt atomi tal-karbonju u li jiddistilla bejn l-64 °C u s-70 °C. L-użu kkombinat tal-Hexane u tal-Etilmetilketone huwa pprojbit.
[2] Il-livell tal-*n*-Hexane f'dan is-solvent m'għandux jaqbeż il-50 mg/kg. L-użu kkombinat ta' Hexane u Etilmetilketone huwa pprojbit.

IL-PARTI III

**Is-solventi tal-estrazzjoni li għalihom huma speċifikati l-kondizzjonijiet tal-użu**

| L-isem | Il-limiti massimi tar-residwi fl-oġġetti tal-ikel minħabba l-użu tas-solventi tal-estrazzjoni fil-preparazzjoni tat-taħwir minn materjali naturali tat-taħwir |
|---|---|
| Id-Diethyl Ether | 2 mg/kg |
| L-Hexane (1) | 1 mg/kg |
| Iċ-Ċiklohexane | 1 mg/kg |
| L-Aċetat tal-Metil | 1 mg/kg |
| Il-Butan-1-ol | 1 mg/kg |
| Il-Butan-2-ol | 1 mg/kg |
| L-Etilmetilketone (1) | 1 mg/kg |
| Id-Diklorometan | 0,02 mg/kg |
| Il-Propan-1-ol | 1 mg/kg |
| 1,1,1,2-tetrafluoroetane | 0,02 mg/kg |

(1) L-użu kkombinat ta' Hexane u Etilmetilketone huwa pprojbit.

*ANNESS II*

PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien ma’ lista tal-emendi suċċessivi tagħha**

**(imsemmi fl-Artikolu 9)**

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 88/344/KEE<br>(ĠU L 157, 24.6.1988, p. 28) | |
| Direttiva tal-Kunsill 92/115/KEE<br>(ĠU L 409, 31.12.1992, p. 31) | |
| Direttiva 94/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 331, 21.12.1994, p. 10) | |
| Direttiva 97/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 331, 3.12.1997, p. 7) | |
| Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) | Anness III, Punt 9 biss |

PARTI B

**Limiti ta’ żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

**(imsemmi fl-Artikolu 9)**

| Direttiva | Limitu ta’ żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 88/344/KEE | 13 ta’ Ġunju 1991 |
| 92/115/KEE | a. 1 ta’ Lulju 1993 |
| | b. 1 ta’ Jannar 1994 (1) |
| 94/52/KE | 7 ta’ Diċembru 1995 |
| 97/60/KE | a. 27 ta’ Ottubru 1998 |
| | b. 27 ta’ April 1999 (2) |

(1) Skond l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 92/115/KEE:
“L-Istati Membri għandhom jemendaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom hekk li:
— jippermettu l-kummerċ fil-prodotti li jikkonformaw ma’ din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Lulju 1993,
— jipprojbixxu l-kummerċ fil-prodotti li ma jikkonformawx ma’ din id-Direttiva b’effett mill-1 ta’ Jannar 1994.”

(2) Skond l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 97/60/KE:
“L-Istati Membri għandhom jemendaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom sabiex jawtorizzaw il-kummerċ fil-prodotti li:
— jikkonformaw mad-Direttiva 88/344/KEE, kif emendata b’din id-Direttiva, sa mhux aktar tard mis-27 ta’ Ottubru 1998;
— jipprojbixxu l-kummerċ fil-prodotti li ma jikkonformawx mad-Direttiva 88/344/KEE, kif emendata b’din id-Direttiva, mis-27 ta’ April 1999. Madankollu, il-prodotti li jkunu tqiegħdu, fis-suq jew ikunu ġew ittikkettjati qabel dik id-data u li ma jikkonformawx mad-Direttiva 88/344/KEE, kif emendata b’din id-Direttiva, jistgħu jiġu mqiegħda fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet.”

*ANNESS III*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Direttiva 88/344/KEE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1(1) |
| Artikolu 1(3) | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 2(1) | Artikolu 2(1) |
| Artikolu 2(2) | Artikolu 2(2) |
| Artikolu 2(3) | — |
| Artikolu 2(4) | Artikolu 2(3) |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 6(2) | — |
| Artikolu 6(3) | — |
| — | Artikolu 6(2) |
| — | Artikolu 6(3) |
| — | Artikolu 6(4) |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| Artikolu 9 | — |
| — | Artikolu 9 |
| — | Artikolu 10 |
| Artikolu 10 | Artikolu 11 |
| Anness | Anness I |
| — | Anness II |
| — | Anness III |

# DIRETTIVA 2009/40/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-6 ta’ Mejju 2009

## dwar testijiet tal-kondizzjoni ta’ vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq

**(Tfassil mill-ġdid)**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL tal-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE tal-20 ta’ Diċembru 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mat-testijiet dwar jekk vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq ([3]) ġiet emendata kemm-il darbab’mod sinjifikattiv ([4]). Billi għandhom isiru iżjed emendi, din id-Direttiva għandha tiġi mfassla mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Fil-qafas tal-politika tat-trasport komuni, ċertu traffiku tat-triq fi ħdan il-Komunità għandu jopera taħt l-iktar ċirkostanzi favorevoli fir-rigward ta’ kemm is-sigurtà kif ukoll il-kondizzjonijiet kompetittivi li japplikaw għal trasportaturi fl-Istati Membri.

(3) Iż-żieda tat-traffiku tat-triq u ż-żieda riżultanti f’perikolu u effetti negattivi jippreżentaw l-Istati Membri kollha bi problemi ta’ sigurtà ta’ natura u serjetà simili.

(4) L-ittestjar tul iċ-ċiklu ta’ ħajja tal-vettura għandu jkun relattivament sempliċi, ta’ malajr u mhux għali.

(5) L-istandards minimi Komunitarji u l-metodi li għandhom jintużaw għall-ittestjar tal-elementi previsti f’din id-Direttiva għandhom għalhekk ikunu definiti f’Direttivi separati.

(6) Hu neċessarju li jkun hemm adattament rapidu għall-progress tekniku tal-istandards u l-metodi stabbiliti fid-Direttivi separati u, sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan l-iskop, li tkun stabbilita proċedura għal koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan kumitat dwar l-adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva dwar testijiet tal-kondizzjoni ta’ vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq.

(7) Fir-rigward ta’ sistemi tal-brejkijiet huwa diffiċli li jiġu stabbiliti valuri għal elementi bħas-settings tal-pressjoni tal-arja u ta’ perjodi ta’ build-up, minħabba differenzi f’tagħmir u metodi fi ħdan il-Komunità.

(8) Hu rikonoxxut minn dawk kollha kkonċernati bl-ittestjar ta’ vetturi li l-metodu ta’ ttestjar u, b’mod partikolari, jekk il-vettura hi eżaminata f’kondizzjoni mgħobbija, parzjalment mgħobbija jew mhux mgħobbija, jistgħu jinfluwenzaw il-grad ta’ kunfidenza li t-testers għandhom fir-rigward tal-kondizzjoni tas-sistema tal-brejkijiet għat-triq.

(9) Il-preskrizzjoni tal-valuri ta’ referenza tal-forza tal-brejkijiet għal kondizzjonijiet varji ta’ tagħbija għal kull mudell ta’ vettura għandha tgħin biex terġa tinkiseb dik il-kunfidenza. Din id-Direttiva għandha tagħmel possibbli l-ittestjar taħt dan ir-reġim bħala alternattiva għall-ittestjar relattivament għal valuri minimi ta’ prestazzjoni għal kull kategorija ta’ vettura.

(10) Fir-rigward ta’ sistemi ta’ brejkijiet l-ambitu ta’ din id-Direttiva għandu jirrelata l-aktar mal-vetturi li ngħataw l-approvazzjoni tat-tip ta’ komponent taħt id-Direttiva tal-Kunsill 71/320/KEE tas-26 ta’ Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-mezzi tal-ibbrejkjar ta’ ċerti kategoriji ta’ vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([5]) għalkemm hu rikonoxxut li ċerti tipi ta’ vettura ngħataw din l-approvazzjoni konformemt ma’ standards nazzjonali li jistgħu jkunu differenti mir-rekwiżiti ta’ dik id-Direttiva.

(11) L-Istati Membri jistgħu jestendu l-ambitu tat-test tal-brejkijiet biex jinkludu vetturi jew elementi ta’ test barra l-ambitu ta’ din id-Direttiva.

(12) L-Istati Membri jistgħu jagħmlu t-test ta’ brejkijiet iktar strett jew iżidu l-frekwenza tal-ittestjar.

---

([1]) ĠU C 224, 30.8.2008, p. 66.

([2]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta’ Settembru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Marzu 2009.

([3]) ĠU L 46, 17.2.1997, p. 1.

([4]) Ara l-Anness III, Parti A.

([5]) ĠU L 202, 6.9.1971, p. 37.

(13) Din id-Direttiva hija maħsuba sabiex iżżomm l-emissjonijiet f'livell baxx tul il-ħajja utli ta' vettura permezz ta' testijiet regolari tal-emissjonijiet tal-exhaust u tassigura li l-vetturi li jniġġsu ħafna jkunu rtirati mis-servizz sa meta jinġabu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

(14) It-tuning impreċiż u l-manutenzjoni inadegwata huma ta' detriment mhux biss għall-magna imma wkoll għall-ambjent ladarba jikkawżaw żieda fit-tniġġiż u fil-konsum tal-karburant. Hu importanti li jiġi żviluppat trasport li jkun favorevoli għall-ambjent.

(15) Fil-każ ta' magni li jaqbdu bil-kompressjoni (diesel) il-kejl tal-opaċità tad-dħaħen tal-exhaust hu meqjus li jkun indikatur adegwat tal-kondizzjoni tal-istat ta' manutenzjoni tal-vettura, fejn għandhom x'jaqsmu l-emissjonijiet.

(16) Għall-magni positive-ignition tal-petrol, il-kejl tal-emissjonijiet tal-monossidu tal-carbon mill-pajp tal-exhaust meta l-magna tkun imqabbda huwa meqjus bħala indikatur adegwat tal-istat tal-manutenzjoni tal-vettura, fir-rigward ta' emissjonijiet.

(17) Ir-rata ta' falliment fit-testijiet tal-emissjoni tal-exhaust għall-vetturi li ma ġewx mantenuti b'mod regolari tista' tkun għolja.

(18) Fil-każ ta' vetturi b'magna tal-petrol li l-istandards tal-approvazzjoni tat-tip tagħhom jispeċifikaw li għandhom ikunu mgħammra b'sistemi avvanzati tal-kontroll tal-emissjonijiet bħal konvertituri katalitiċi three-way li jkunu kkontrollati b'lambda-probe, l-istandards tat-test tal-emissjoni regolari għandhom ikunu iktar stretti mill-vetturi konvenzjonali.

(19) Id-Direttiva 98/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 relatata mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis tal-arja minn emissjonijiet minn vetturi bil-mutur ([1]) teħtieġ l-introduzzjoni, mis-sena 2000, ta' sistema ta' dijanjosi abbord (OBD) fil-każ tal-karozzi li jaħdmu bil-petrol u l-vetturi kummerċjali ħfief biex jiġi immonitorjat il-funzjonament tas-sistema tal-kontroll tal-emissjoni waqt l-użu tal-vettura. Bl-istess mod, mill-2003 huma meħtiega sistemi OBD għall-vetturi ġodda diesel.

(20) L-Istati Membri jistgħu, jekk xieraq, jeskludu mill-ambitu ta' din id-Direttiva ċerti vetturi li huma kkunsidrati ta' interess storiku. Filwaqt li jistgħu ukoll jistabbilixxu l-istandards ta' ttestjar tagħhom stess għal dawn il-vetturi. Madanakollu, dan id-dritt m'għandux iwassal għall-applikazzjoni ta' standards iktar stretti minn dawk li l-vetturi kkonċernati kienu oriġinarjament proġettati li jilħqu.

([1]) ĠU L 350, 28.12.1998, p. 1.

(21) Hemm disponibbli sistemi semplici u komuni ta' dijanjosi li jistgħu jintużaw mill-organizzazzjonijiet li jittestjaw biex jigu ttestjati l-bicca l-kbira tal-limitaturi tal-velocità installati. Fil-każ ta' dawk il-vetturi li ma jintlaħqux b'din l-għodda ta' dijanjosi komunement disponibbli, l-awtoritajiet ikollhom bżonn jew li jagħmlu użu mill-apparat li jkun sar disponibbli mill-manifattur originali tal-vettura jew jipprovdu għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikazzjoni adatta tat-test mill-manifattur tal-vettura jew mill-organizzazzjoni konċessjonarja tagħha.

(22) Il-verifika ta' kull tant żmien tal-funzjonament korrett tal-limitatur tal-velocità għandha tiġi ffaċilitata fil-każ tal-vetturi li jkunu mgħammra b'apparat ġdid tal-irrekordjar (it-takografu diġitali) taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2135/98 tal-24 ta' Settembru 1998 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3821/85 dwar l-apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u d-Direttiva 88/599/KEE rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 ([2]). Mis-sena 2003 "l hawn, il-vetturi l-ġodda huma mgħammra b" dak l-apparat.

(23) Ir-rekwiżiti tekniċi relatati mat-taxis u l-ambulanzi huma simili għal dawk ta' karrozzi privati. L-elementi li għandhom ikunu eżaminati jistgħu għalhekk ikunu simili, għalkemm il-frekwenza tat-testijiet hija differenti.

(24) Kull Stat Membru għandu jassigura, fiż-żona tiegħu ta' ġurisdizzjoni, li t-testijiet dwar il-kondizzjoni tal-vetturi għat-triq jiġu mmexxija metodikament u jkunu ta' standard għoli.

(25) Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-applikazzjoni prattika ta' din id-Direttiva.

(26) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar testijiet ta' vetturi għat-triq, il-prevenzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi ta' fuq it-triq u l-garanzija ta' kontrolli u manutenzjoni adegwati ta' vetturi, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, u għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(27) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([3]).

([2]) ĠU L 274, 9.10.1998, p. 1.

([3]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(28) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tiddefinixxi ċerti standards u metodi minimi għall-ittestjar kif ukoll sabiex dawn jiġu adattati għall-progress tekniku. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, jeħtieġ li dawn jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(29) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi previsti fl-Anness III, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

1. F'kull Stat Membru, il-vetturi bil-mutur reġistrati f'dak l-Istat u l-karrijiet u s-semikarrijiet tagħhom għandhom jiġu suġġetti għal testijiet perjodiċi tal-kondizzjoni għat-triq konformement ma' din id-Direttiva.

2. Il-kategoriji tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati, il-frekwenza tat-testijiet tal-kondizzjoni għat-triq u l-elementi li għandhom jiġu ttestjati huma elenkati fl-Annessi I u II.

*Artikolu 2*

It-testijiet tal-kondizzjoni għat-triq previsti f'din id-Direttiva għandhom jitwettqu mill-Istat Membru, jew minn korp pubbliku inkarigat mill-Istat jew minn korpi jew stabbilimenti indikati u direttament immexxija mill-Istat, inklużi korpi privati awtorizzati kif dovut. B'mod partikolari, fejn stabbilimenti indikati bħala ċentri ta' ttestjar tal-vetturi ukoll iwettqu tiswijiet fuq vetturi bil-mutur, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jassiguraw l-objettività u l-kwalità għolja tal-ittestjar tal-vettura.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu dawk il-miżuri li jqisu neċessarji biex ikun possibbli li tingħata prova li vettura għaddiet minn test tal-kondizzjoni għat-triq li jikkonforma ma' mill-inqas id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Dawn il-miżuri għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummssjoni.

2. Kull Stat Membru għandu, fuq l-istess bażi daqslikieku hu stess ħareġ il-prova, jagħraf il-prova maħruġa fi Stat Membru ieħor li turi li vettura bil-mutur reġistrata fit-territorju ta' dak l-Istat l-ieħor, flimkien mal-karru jew is-semi karru tagħha, għaddiet test tal-kondizzjoni għat-triq li jikkonforma ma' mill-inqas id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw proċeduri xierqa biex jistabbilixxu, sa fejn hu prattikabbli, li l-prestazzjoni tal-brejkijiet tal-vetturi reġistrati fit-territorju tagħhom tissodisfa r-rekwiżiti speċifikati f'din id-Direttiva.

KAPITOLU II

**EĊĊEZZJONIJIET**

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom ikollhom id-dritt li jeskludu mill-ambitu ta' din id-Direttiva vetturi li jappartjenu għall-forzi armati, għall-forzi tal-liġi u tal-ordni u għas-servizz kontra n-nar.

2. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsulktaw lill-Kummissjoni, jeskludu mill-ambitu ta' din id-Direttiva jew suġġett għal dispożizzjonijiet speċjali, ċerti vetturi operati jew użati f'kondizzjonijiet eċċezzjonali u vetturi li qatt, jew bilkemm, huma użati fuq toroq maġġuri pubbliċi, inklużi vetturi ta' interess storiku fabbrikati qabel l-1 ta' Jannar 1960 jew li jkunu temporanjament irtirati miċ-ċirkolazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-Kummiss-joni, jistabilixxu l-istandards tal-ittestjar tagħhom għal vetturi kkunsidrati li huma ta' interess storiku.

*Artikolu 5*

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Annessi I u II, l-Istati Membri jistgħu:

(a) iġibu 'l quddiem id-data għall-ewwel test obbligatorju tal-kondizzjoni għat-triq u, fejn ikun il-każ, jesiġu ttestjar tal-vettura qabel ir-reġistrazzjoni;

(b) iqassru l-intervall bejn żewġ testijiet obbligatorji suċċessivi;

(c) jagħmlu obbligatorju l-ittestjar ta' tagħmir mhux obbligatorju;

(d) iżidu n-numru ta' elementi suġġetti għall-ittestjar;

(e) jestendu r-rekwiżit tat-test perjodiku għal kategoriji oħra ta' vetturi;

(f) jippreskrivu testijiet speċjali addizzjonali;

(g) jesiġu għal vetturi reġistrati fit-territorju tagħhom standards minimi ogħla għall-effiċjenza tal-brejkijiet minn dawk speċifikati fl-Anness II u jinkludu test fuq vetturi b'tagħbijiet itqal sakemm dawn ir-rekwiżiti ma jeċċedux dawk tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 6*

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-Direttivi separati li jkunu neċessarji biex jiġu definiti l-istandards minimi u l-metodi ta' ttestjar tal-elementi previsti fl-Anness II, kif ukoll kull emenda neċessarja biex dawk l-istandards u l-metodi jiġu adattati għall-progress tekniku.

2. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(2).

*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejuna minn Kumitat dwar l-adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva dwar dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 8*

Mhux iktar tard minn tliet snin wara l-introduzzjoni ta' ttestjar regolari ta' strumenti għal-limitazzjoni tal-veloċità, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk, fuq il-bażi tal-esperjenza akkwistata, it-testijiet stabbiliti humiex suffiċjenti biex jiskopru strumenti tal-limitazzjoni tal-veloċità li jkunu difettużi jew li jkunu ġew manipulati jew jekk ir-regoli jeħtieġux li jiġ emendati.

*Artikolu 9*

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 10*

Id-Direttiva 96/96/KE, kif emendata mill-Atti elenkati fl-Anness III, Parti A, hija *imħassra*, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi elenkati fl-Anness III, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 11*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 12*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strażburgu, 6 ta' Mejju 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J. KOHOUT |

*ANNESS I*

## IL-KATEGORIJI TA' VETTURI SUĠĠETTI GĦAL TESTIJIET TA' KONDIZZJONI GĦAT-TRIQ U L-FREKWENZA TAT-TESTIJIET

| Il-kategoriji tal-vettura | Il-frekwenza tat-testijiet |
|---|---|
| 1. Vetturi bil-mutur użati għat-trasport ta' passiġġieri u b'iktar minn tmien siġġijiet, bl-esklużjoni tas-siġġu tax-xufier | Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena |
| 2. Vetturi bil-mutur użati għat-trasport tal-merkanzija u li jkollhom massa massima permessibbli li teċċedi 3 500 kg | Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena |
| 3. Karrijiet u semi-karrijiet b'massa massima permissibbli li teċċedi 3 500 kg | Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena |
| 4. Taxis, ambulanzi | Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena |
| 5. Vetturi bil-mutur li jkollhom mill-inqas erba' roti, normalment użati għat-trasport bit-triq ta' merkanzija u b'massa massima permissibbli li ma teċċedix 3 500 kg, bl-esklużjoni ta' tratturi u makkinarju agrikolu | Erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata imbagħad wara kull sentejn |
| 6. Vetturi bil-mutur li jkollhom mill-inqas erba' roti, użati għat-trasport ta' passiġġieri u b'mhux iktar minn tmien siġġijiet, bl-esklużjoni tas-siġġu tax-xufier | Erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata mbagħad wara kull sentejn |

*ANNESS II*

**ELEMENTI LI GĦANDHOM JIĠU TTESTJATI B'MOD OBBLIGATORJU**

It-test għandu jkopri mill-inqas l-elementi previsti hawn taħt, sakemm dawn huma relatati mat-tagħmir obbligatorju tal-vettura li qed tiġi ttestjata fl-Istat Membru kkonċernat.

It-testijiet koperti minn dan l-Anness jistgħu ji twettqu viżwalment mingħajr disassemblaġġ tal-partijiet tal-vettura.

Meta jinstab li l-vettura hi difettuża fejn għandhom x'jaqsmu l-elementi tat-test hawn taħt, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jadottaw proċedura biex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li taħthom il-vettura tista' tintuża qabel ma tgħaddi test ieħor tal-kondizzjoni tagħha għat-triq.

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2, 3, 4, 5 u 6

1. **Sistemi ta' ibbrekjar**

L-elementi li ġejjin għandhom ikunu inklużi fit-test tal-kondizzjoni għat-triq tas-sistemi ta' ibbrejkjar tal-vettura. Ir-riżultati ġodda miksuba waqt l-iċċekkjar fuq is-sistemi ta' ibbrejkjar għandhom ikunu ekwivalenti sa fejn hu possibbli għar-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 71/320/KEE.

| *Elementi li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati* | *Raġunijiet għall-falliment* |
|---|---|
| 1.1. Il-kondizzjoni mekkanika u l-operazzjoni | |
| 1.1.1. Il-fus tal-pedala tal-brejkijiet tas-saqajn | — issikkat wisq<br>— il-bearing użat ħafna<br>— utilizz/użu eċċessiv |
| 1.1.2. Il-kondizzjoni tal-pedala u t-travel tal-istrument li jopera l-brejkijiet | — travel ta' riserva eċċessiva jew insuffiċjenti<br>— il-kontroll tal-brejkijiet li ma jirrillaxxax kif suppost<br>— id-dispożizzjoni kontra ż-żliq nieqsa minn fuq il-pedala tal-brejkijiet, maħlula jew lixxa daqs kemm użata |
| 1.1.3. Il-pompa tal-vakwu jew il-kumpressur u d-depożitu | — il-ħin użat għall-formazzjoni tal-pressjoni tal-arja/il-vakwu għall-operazzjoni effettiva tal-brejkijiet hu eċċessiv<br>— pressjoni tal-arja insuffiċjenti/vakwu biex jassisti għal mill-inqas żewġ applikazzjonijiet tal-brejkijiet wara li l-istrument ta' avviż ikun opera (jew gauge li juri qari mhux ta' min joqgħod fuqu)<br>— leakage tal-arja li jikkawża waqa' notevoli fil-pressjoni jew leakages tal-arja li jinstemgħu |
| 1.1.4. Indikatur jew gauge ta' avviż ta' pressjoni baxxa | — indikatur tal-malfunzjoni jew li jindika pressjoni baxxa/gauge tal-pressjoni tal-arja |
| 1.1.5. Il-valvola ta' kontroll tal-brejkijiet operata bl-idejn | — kontroll imxaqqaq jew imħassar, użu eċċessiv<br>— il-malfunzjoni tal-valvola ta' kontroll<br>— il-kontroll mhux sikur fuq il-fus tal-valvola jew l-unità tal-valvola mhix sikura<br>— konnessjonijiet maħlula jew xaqq fis-sistema<br>— operazzjoni mhux sodisfaċenti |
| 1.1.6. Il-brejk tal-ipparkjar, il-kontroll tal-lieva, ir-ratchet tal-brejk tal-ipparkjar | — ir-ratchet tal-brejk tal-ipparkjar li ma jżommx kif suppost<br>— użu eċċessiv fil-fus tal-lieva jew fil-mekkaniżmu tar-ratchet<br>— moviment eċċessiv tal-lieva li tindika aġġustament inkorrett |
| 1.1.7. Il-valvoli tal-brejkijiet (il-valvoli tas-saqajn, unloaders, gvernaturi, eċċ.) | — leakage tal-arja eċċessiva, mħassra<br>— skarika eċċessiva ta' żejt mill-kumpressur<br>— immuntar mhux sikur/inadegwat<br>— skarika tal-fluwidu idrawliku tal-brejkijiet |
| 1.1.8. Agganċjar għall-brejkijiet tal-karrijiet | — tappijiet ta' isolament difettużi jew valvola għas-siġill tagħha stess<br>— immuntar mhux sikur/inadegwat<br>— leakages eċċessivi |

| *Elementi li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati* | *Raġunijiet għall-falliment* |
|---|---|
| 1.1.9. Depożitu ta' tank tal-pressjoni għall-irfigħ tal-enerġija | — imħassra, imsadda, leaking<br>— l-istrument tad-drenaġġ inoperattiv<br>— immuntar mhux sikur/inadegwat |
| 1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, il-mastruċilindru (sistemi idrawliċi) | — l-unità servo hi difettuża jew mhux effettiva<br>— il-mastruċilindru difettuż jew leaking<br>— il-mastruċilindru mhux sikur<br>— kwantità insuffiċjenti tal-fluwidu tal-brejkijiet<br>— it-tapp tad-depożitu tal-mastruċilindru nieqes<br>— il-bozza ta' avviż tal-fluwidu tal-brejkijiet miżgħula jew difettuża<br>— funzjoni inkorretta tal-istrument ta' avviż tal-livell tal-fluwidu tal-brejkijiet |
| 1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet | — riskju ta' falliment jew frattura<br>— leaks minn pajpijiet jew konnessjonijiet għall-igganċjar<br>— imħassra jew imsadda eċċessivament<br>— spustjati |
| 1.1.12. Hoses flessibbli tal-brejkijiet | — riskju ta' falliment jew frattura<br>— imħassra, chafing, il-hoses tal-brejkijiet qosra wisq, mgħawġa<br>— leaks minn hoses jew l-agganċjar<br>— hose minfuħ taħt pressjoni<br>— il-porosità |
| 1.1.13. Koperturi tal-brejkijiet (sponoż bħala nforra) | — użu eċċessiv<br>— ikkontaminat (żejt, griż, eċċ.) |
| 1.1.14. Drums tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet | — użu żejjed, brix eċċessiv, xquq, mhux marbutin tajjeb jew maqsumin<br>— kontaminati (żejt, griż, eċċ)<br>— plejt ta' wara mhux marbut tajjeb |
| 1.1.15. Kejbels tal-brejk, vireg u fejn jaqbad il-liver | — kejbils mħassra, mgħaqqda<br>— mikula eċċessivament jew msadda<br>— ġonta tal-kejbil jew virga mhux marbuta sew<br>— il-gwida tal-kejbil difettuż<br>— kull restrizzjoni għal-libertà taċ-ċaqlieq tas-sistema tal-brejkijiet. |
| 1.1.16. Actuators tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawkiċi tar-rota) | — maqsum jew imħassar<br>— iqattar<br>— mhux marbut sew mhux biżżejjed<br>— imsaddad iżżejjed<br>— il-pistin operattiv jew il-mekkaniżmu tad-dijaframma jiċċaqlqu żżejjed |
| 1.1.17. Valv li jħoss it-tagħbija | — fejn jitqabbad ikun difettuż<br>— aġġustament skorrett<br>— issijżjat, ma jaħdimx<br>— mhux f'postu |
| 1.1.18. Slack adjusters awtomatiċi li jindikaw | — moviment anormali jew issiżjat, użu żejjed jew aġġustament ħażin<br>— difettuż |

| *Elementi li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati* | *Raġunijiet għall-falliment* |
|---|---|
| 1.1.19. Sistema ritardanti (meta mgħammra jew meħtieġa) | — konnetturi jew mountings mhux siguri<br>— difettuża |
| 1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tas-service brejk | |
| 1.2.1. Prestazzjoni (miżjuda progressivament għas-saħħa massima) | — mhux biżżejjed saħħa fuq rota waħda jew iżjed<br>— saħħa minn kull rota hija anqas minn 70 % tal-aktar saħħa rreġistrata minn rota oħra fuq l-istess assi. Fil-każ ta' testjar fit-triq, id-devjazzjoni minn linja dritta ta' vettura hija eċċessiva<br>— l-ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa tal-ibbrekjar (ħtif)<br>— żmien żejjed fl-operazjoni tal-brejk f'xi rota<br>— varjazzjoni eċċessiva tas-saħħa tal-brejk minħabba diski mgħawġa jew drummijiet ovali |
| 1.2.2. L-effiċjenza | — proprzjon ta' brejkijiet li għandu x'jaqsam mal-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semi-karrijiet, mas-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus meta prattikabbli, naqqas dawn li ġejjin:<br>l-effiċjenza minima tal-brejkijiet<br>kategorija 1: 50 % (1)<br>kategorija 2: 43 % (2)<br>kategorija 3: 40 % (3)<br>kategorija 4: 50 %<br>kategorija 5: 45 % (4)<br>kategorija 6: 50 %<br>— jew<br>sforz ta' brejkijiet inqas mill-valuri ta' referenza jekk speċifikati mill-fabbrikant tal-vettura għall-fus tal-vettura (5) |
| 1.3. Il-prestazzjoni sekondarja (ta' emerġenza) tal-brejk u l-effiċjenza (jekk milhuqa minn sistema separata | |
| 1.3.1. L-atteġġjament | — il-brejk inoperattiv fuq naħa waħda<br>— l-isforz tal-brejk minn kull rota huwa inqas minn 70 % tal-ogħla sforz reġistrat minn rota oħra fuq l-istess fus<br>— ebda varjazzjoni gradwali tal-effiċjenza (ħtif)<br>— is-sistema awtomatika tal-brejkijiet mhix taħdem fil-każ ta' karrijiet |
| 1.3.2. L-Effiċjenza | — għall-kategoriji kollha tal-vetturi, proporzjon ta' brejkijiet inqas minn 50 % (6) tal-atteġġament tas-servizz tal-brejkijiet definit fi 1.2.2. fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semi-karrijiet, is-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus |
| 1.4. L-atteġġament tal-brejk tal-ipparkjar u l-effiċjenza | |
| 1.4.1. L-atteġġament | — il-brejk inoperattiv fuq naħa waħda |
| 1.4.2. L-effiċjenza | — għall-kategoriji kollha tal-vettura, proporzjon tal-brejkijiet ta' inqas minn 16 % fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata, jew, għal vetturi bil-mutur, inqas minn 12 % fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata ta' kombinazzjoni tal-vettura, tkun liema tkun l-ikbar |
| 1.5. Ir-Ritardatur jew l-atteġġament tas-sistema tal-brejk tal-exhaust | — ebda varjazzjoni gradwali ta' effiċjenza (ritardatur)<br>— difettuż |

| *Elementi li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati* | *Raġunijiet għall-falliment* |
|---|---|
| 1.6. Il-brejk anti-lock | — il-malfunzjoni tal-istrument ta' avviż anti-lock<br>— difettuż |

([1]) 48 % għall-vetturi tal-kategorija 1 li ma jkollhomx ABS, jew approvati skont it-tip qabel l-1 ta' Ottubru 1991 (id-data tal-projbizzjoni tal-ewwel tqegħid f'ċirkolazzjoni mingħajr l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE) (Id-Direttiva 71/320/KEE).

([2]) 45 % għal vetturi rreġistrati wara l-1988 jew mid-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.

([3]) 43 % għal semi-karrijiet u karrijiet bid-draw-bar irreġistrati wara l-1988 jew mid-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.

([4]) 50 % għall-kategorija 5 tal-vetturi rreġistrati wara l-1988 jew mid-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.

([5]) Il-valur ta' referenza għall-fus tal-vettura hu l-isforz tal-brejkijiet (espress fi newtoni) neċessarju biex tiġi akkwistat l-forza minima preskritta tal-brejkijiet bil-piż partikolari li bih il-vettura hi ppreżentata.

([6]) Għall-vetturi tal-kategora 2 u 5 l-atteġġament minimu sekondarju tal-brejkijiet għandu jkun 2,2 m/s2 (peress li l-atteġġament sekondarju tal-brejkijiet ma kienx kopert mid-Direttiva 71/320/KEE).

| VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3 | VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6 |
|---|---|
| 2. **It-tmexxija u l-isteering** | 2. **It-tmexxija** |
| 2.1. Il-kondizzjoni mekkanika | 2.1. Il-kondizzjoni mekkanika |
| 2.2. L-isteering | 2.2. It-tmexxija tal-isteering |
| 2.3. It-tmexxija tal-isteering | 2.3. L-attachment tas-sistema ta' tmexxija |
| 2.4. Il-bearings tal-isteering | |
| 3. **Il-viżibbiltà** | 3. **Il-viżibbiltà** |
| 3.1. L-ispazju tal-viżjoni | 3.1. L-ispazju tal-viżjoni |
| 3.2. Il-kondizzjoni tal-ħġieġ | 3.2. Il-kondizzjoni tal-ħġieġ |
| 3.3. Il-mirja li juru wara | 3.3. Il-mirja li juru wara |
| 3.4. Il-wajpers tal-windscreen | 3.4. Il-wajpers tal-windscreen |
| 3.5. Dawk li jaħslu l-windscreen | 3.5. Dawk li jaħslu l-windscreen |
| 4. **Fanali, rifletturi u tagħmir elettriku** | 4. **It-tagħmir tad-dawl** |
| 4.1. Fanali ta' dawl ewlieni u dawl baxx | 4.1. Fanali ta' dawl ewlieni u dawl baxx |
| 4.1.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni | 4.1.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni |
| 4.1.2. L-allinjament | 4.1.2. L-allinjament |
| 4.1.3. L-iswiċċijiet | 4.1.3. L-iswiċċijiet |
| 4.1.4. L-effiċjenza viżwali | |
| 4.2. Il-fanali tal-ġenb u l-fanali li jimmarkaw il-linja ta' barra | 4.2. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni, il-kondizzjoni tal-lenti, il-kulur u l-effiċjenza viżwali ta': |

| VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3 | VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6 |
|---|---|
| 4.2.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni<br>4.2.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali | 4.2.1. L-fanali tal-ġenb u ta' wara<br>4.2.2. Il-fanali tal-waqfien<br>4.2.3. Il-fanali li jindikaw id-direzzjoni<br>4.2.4. Il-fanali ta' riserva<br>4.2.5. Il-fanali taċ-ċpar<br>4.2.6. Il-fanali tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara<br>4.2.7. Ir-retrorifletturi<br>4.2.8. Il-fanali hazard ta' avviż |
| 4.3. Il-fanali tal-waqfien<br>4.3.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni<br>4.3.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali | |
| 4.4. Il-fanali ta' indikazzjoni tad-direzzjoni<br>4.4.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni<br>4.4.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali<br>4.4.3. L-iswiċċijiet<br>4.4.4. Il-frekwenza li biha jixegħlu u jitfu | |
| 4.5. Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem u wara<br>4.5.1. Il-pożizzjoni<br>4.5.2. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni<br>4.5.3. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali | |
| 4.6. Il-fanali tar-reverse<br>4.6.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni<br>4.6.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali | |

| VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3 | VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6 |
|---|---|
| 4.7. Il-fanali tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara | |
| 4.8. Ir-retroriflettturi<br>— il-kondizzjoni u l-kulur | |
| 4.9. It-telltales | |
| 4.10. Il-konnessjonijiet elettriċi bejn il-vettura li tiġbed u l-karru jew is-seni-karru | |
| 4.11. Il-wiring elettriku | |
| 5. **Il-fusijiet, ir-roti, it-tyres, is-suspenxin** | 5. **Il-fusijiet, ir-roti, it-tyres, is-suspenxin** |
| 5.1. Il-fusijiet | 5.1. Il-fusijiet |
| 5.2. Ir-roti u t-tyres | 5.2. Ir-roti u t-tyres |
| 5.3. Is-suspenxin | 5.3. Is-suspenxin |
| 6. **Ix-chassis u l-attachments tax-chassis** | 6. **Ix-chassis u l-attachments tax-chassis** |
| 6.1. Ix-chassis jew il-frejm u l-attachments<br>6.1.1. Il-kondizzjoni ġenerali<br>6.1.2. Il-pajpijiet tal-exhaust u s-silencers<br>6.1.3. It-tank tal-karburant jew il-pajpijiet<br>6.1.4. Il-proprjetajiet ġeometriċi u l-kondizzjoni tal-istrument ta' protezzjoni ta' wara, trakkijiet tqal<br>6.1.5. It-trasportatur tar-rota żejda<br>6.1.6. Il-mekkaniżmu tal-agganċjar fuq vetturi li jiġbdu, karrijiet u semi-karrijiet | 6.1. Ix-chassis jew il-frejm u l-attachments<br>6.1.1. Il-kondizzjoni ġenerali<br>6.1.2. Il-pajpijiet tal-exhaust u s-silencers<br>6.1.3. It-tank tal-karburant jew il-pajpijiet<br>6.1.4. It-trasportatur tar-rota żejda<br>6.1.5. Is-sigurtà tal-mekkaniżmu tal-agganċjar (jekk imwaħħal) |
| 6.2. Il-kabina u x-xogħol fuq il-korp | 6.2. Ix-xogħol fuq il-korp |
| 6.2.1. Il-kondizzjoni ġenerali<br>6.2.2. L-immuntar<br>6.2.3. Il-bibien u s-serraturi<br>6.2.4. L-art<br>6.2.5. Is-siġġu tax-xufier<br>6.2.6. Ir-running boards | 6.2.1. Il-kondizzjoni strutturali<br>6.2.2. Il-bibien u s-serraturi |
| 7. **Tagħmir ieħor** | 7. **Tagħmir ieħor** |
| 7.1. Iċ-ċinturini ta' sigurtà | 7.1. L-immuntar tas-siġġu tax-xufier |
| 7.2. L-estintur tan-nar | 7.2. L-immuntar tal-batterija |
| 7.3. Is-serraturi u strument kontra s-serq | 7.3. L-istrument ta' avviż li jinstama' |
| 7.4. It-trianglu ta' avviż | 7.4. It-trianglu ta' avviż |
| 7.5. Il-kit tal-ewwel għajnuna | 7.5. Iċ-ċinturini ta' sigurtà |
| 7.5.1. Is-sigurtà tal-immuntar | 7.5.2. Il-kondizzjoni taċ-ċinturini |
| 7.5.3. L-operazzjoni | |
| 7.6. Iċ-chock(s) tar-roti | |
| 7.7. L-istrument ta' avviż li jinstama' | |

| VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3 | VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6 |
|---|---|
| 7.8. L-ispidometru | |
| 7.9. It-takografu (il-preżenza ta', u l-integrità tas-siġilli)<br>— eżamina il-validità tal-pjanċa tat-takografu jekk meħtieġ mir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 ([1])<br>— eżamina, jekk f'dubju, jekk iċ-ċirkomferenza nominali tad-daqs tar-roti taqbel mad-data mogħtija fuq il-pjanċa tat-takografu<br>— meta prattiku, eżamina li s-siġilli tat-takografu u, meta jkun il-każ, li kull mezz ieħor ta' protezzjoni tal-konnessjonijiet kontra manipulazzjoni frawdolenti huma intatti | |
| 7.10. L-istrument tal-limitazzjoni tal-veloċità<br>— meta possibbli, eżamina jekk il-limitatur tal-veloċità hu mwaħħal kif meħtieġ mid-Direttiva 92/6/KEE ([2])<br>— eżamina l-validità tal-pjanċa tal-limitatur tal-veloċità<br>— meta prattiku, eżamina li s-siġilli tal-limitatur tal-veloċità u, meta jkun il-każ, kull mezz ieħor ta' protezzjoni tal-konnessjonijiet kontra manipulazzjoni frawdolenti huma intatti<br>— iċċekkja fejn prattikabbli li l-mezz li jillimita l-veloċità jipprevjieni l-vetturi msemmija fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/6/KEE milli jaqbżu l-valuri stabbiliti. | |
| 8. **Effetti negattivi** | 8. **Effetti negattivi** |
| 8.1. Storbju | 8.1. Storbju |

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq. (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.)
([1]) Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċita' għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità. (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27.)

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2, 3, 4, 5 U 6

8.2. L-emissjonijiet mill-exhaust

8.2.1. Il-vetturi bil-mutur mgħammra b'magni li jaqbdu b'mod pożittiv u jieħdu l-petrol bħala karburant

(a) meta l-emissjonijiet mill-exhaust ma jkunux ikkontrollati b'sistema avvanzata tal-kontroll tal-emissjonijiet bħala konvertitur katalitiku ta' tliet direzzjonijiet li huwa sonda lambda kkontrollata:

1. Spezzjoni viżwali tas-sistema tal-exhaust sabiex jiġi ċċekkjat li hija f'kondizzjoni kompleta u sodisfaċenti u li ma għandhiex tnixxijiet.

2. Spezzjoni viżwali ta' kull tagħmir tal-kontroll tal-emissjonijiet imwaħħal mill-fabbrikant sabiex jiġi ċċekkjat li huwa f'kondizzjoni kompleta u sodisfaċenti u li ma hemm l-ebda tnixxijiet.

   Wara perjodu raġjonevoli taż-żmien tal-kondizzjonament tal-mutur (filwaqt li jitqiesu r-rakkommandazzjonijiet tal-fabbrikant) jiġi mkejjel il-kontenut tal-karbonju monossidu (CO) tal-gassijiet tal-exhaust meta l-mutur ikun jaħdem mingħajr ma jimxi (mingħajr tagħbija).

   Il-kontenut massimu ta' CO permissibbli fil-gassijiet tal-exhaust huwa dak iddikjarat mill-fabbrikant tal-vettura. Meta ma jkunx disponibbli dan it-tagħrif jew meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiddeċiedu li ma jużawhx bħala valur tar-riferiment, il-kontenut tal-CO ma jridx jaqbeż dan li ġej:

   (i) għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba bejn id-data li minnha l-Istati Membri ħtieġu lill-vetturi li jikkonformaw mad-Direttiva 70/220/KEE ([1]) u l-1 ta' Ottubru 1986: CO - 4,5 % vol.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ta' miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis tal-arja b'emissjonijiet minn vetturi b'positive ignition. (ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1.)

(ii) Għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba wara l-1 ta' Ottubru 1986 - 3,5 % vol.

(b) Meta l-emissjonijiet mill-exhaust ikunu kkontrollati minn sistema avvanzata tal-kontroll tal-emissjonijiet hekk li kovertitur katalitiku ta' tliet direzzjonijiet li jkun sonda lambda kkontrollata:

1. Spezzjoni viżwali tas-sistema tal-exhaust sabiex jiġi ċċekkjat li jkun f'kondizzjoni kompleta u sodisfaċenti u li ma jkunx hemm tnixxijiet.

2. Spezzjoni viżwali ta' kull tagħmir li jokkontrolla l-emissjonijiet imwaħħal mill-fabbrikant sabiex jiġi ċċekkjat li huwa fi stat komplet u sodisfaċenti u li ma jkunx hemm tnixxijiet.

3. Il-mod kif tiġi stabbilita l-effiċjenza tas-sistema tal-vettura rigward il-kontroll tal-emissjoniiet bil-kejl tal-valur lambda u l-kontenut tal-CO fil-gassijiet tal-exhaust skont il-punt 4 jew il-proċeduri proposti mill-fabbrikanti u approvati fil-waqt tal-approvazzjoni għat-tip. Għal kull wieħed mit-testijiet il-mutur irid ikun ikkondizzjonat skont ir-rakkommandazzjonijiet tal-fabbrikant tal-vettura.

4. L-emissjonijiet mit-tubu tal-exhaust - il-valuri tal-limiti

Il-kontentut massimu tal-CO permess fil-gassijiet tal-exhaust irid ikun dak iddikjarat mill-fabbrikant tal-vettura.

Meta ma jkunx disponibbli dan it-tagħrif, il-kontenut tal-CO ma jridx jaqbeż dan li ġej:

(i) Il-kejl meta l-mutur ikun fl-idle:

Il-kontentut massimu tal-CO permissibbli fil-gassijiet tal-exhaust ma jridx jaqbeż iż-0,5 % vol. u għall-vetturi li jkunu approvati għat-tip skont il-valuri tal-limiti murija fir-ringiela A u r-ringiela B tat-tabella fil-punt 5.3.1.4 tal-Anness I mad-Direttiva 70/220/KEE, jew l-emendi iktar tard, il-kontenut massimu tal-CO ma jridx jaqbeż iż-0,3 % vol. Meta l-konformità mad-Direttiva 70/220/KEE, ma tkunx possibbli allura għandu japplika dan ta' hawn fuq għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2002.

(ii) Fil-kejl fil-veloċità għolja tal-idle (mingħajr tagħbija), il-veloċità tal-mutur għandha tkun ta' mill-inqas 2 000 $min^{-1}$:

kontenut CO: massimu ta' 0,3 % vol., u għall-vetturi li jkunu ġew approvati għat-tip skont il-valuri tal-limiti murija fir-ringiela A jew ir-ringiela B tat-tabella fil-punt 5.3.1.4. tal-Anness I mad-Direttiva 70/220/KEE, il-kontenut massimu tal-CO ma jridx jaqbeż iż-0,2 % vol. Meta l-ottempranza mad-Direttiva 70/220/KEE, ma tkunx possibbli allura għandu japplika dan ta' hawn fuq għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2002.

Il-lambda: 1 ± 0,03 jew skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-fabbrikant.

(iii) Għall-vetturi bil-mutur mgħammra bis-sistemi dijanjostiċi abbord (DAB) skont id-Direttiva 70/220/KEE l-Istati Membri jistgħu bħala alternattiva għat-test speċifikat fl-intestatura (i) jistabbilixxu l-funzjonament korrett tas-sistema tal-emissjonijiet permezz tal-qari approprjat tal-mezz DAB u simultanjament jiċċekkjaw il-funzjonament kif jixraq tas-sistema DAB.

8.2.2. Il-vetturi bil-mutur mgħammra b'magni (diesel) li jaqbdu bil-kompressjoni

(a) L-opaċità tal-gass tal-exhaust li trid tiġi mkejla matul l-aċċelerazzjoni ħielsa (mingħajr tagħbija mill-idle sal-veloċità tal-cut off) bil-gear newtrali u l-clutch magħfus.

(b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:

1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sigurtà għandhom isiru kontrolli li l-mutur tkun sħuna u f'kondizzjoni mekkanika sodisfaċenti.

2. Għajr kif speċifikat fil-punt (d)(5), l-ebda vettura ma għandha tiġi mwaħħla mit-testijiet għajr jekk tkun ġiet ipprekondizzjonata skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) Il-mutur irid ikun sħun għal kollox, per eżempju t-temperatura taż-żejt tal-mutur mkejjel b'sonda mill-pajp tal-ħadida li timmarka l-livell taż-żejt tkun mill-inqas ta' 80 oC, jew it-temperatua normali tal-blokka mkejla fil-livell tar-radjazzjoni infra red tkun mill-inqas ta' temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-mutur, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabbilita t-temperatura normali tal-ħidma tal-mutur jista' jsir b'mezzi oħra, per eżempju bit-tħaddim tal-fan tat-tkessiħ tal-mutur.

(ii) Is-sistema tal-exhaust għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni jew b'metodu ekwivalenti.

(c) Il-proċedura tat-test:

1. L-ispezzjoni viżwali ta' kull tagħmir tal-kontroll tal-emissjonijiet imwaħħal mill-fabbrikant sabiex jiġi ċċekkjat li huwa komplet u f'kondizzjoni sodisfaċenti u li ma jkunx hemm tnixxijiet.

2. Il-mutur u kull turbo-charger imwaħħal, li jridu jkunu idle qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċelerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi tax-xogħol tqil li jaħdmu bid-diesel, dan ifisser stennija ta' mill-inqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-kontroll tal-karburant.

3. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċelerazzjoni ħielsa, il-pedala tal-gass trid titniżżel għal kollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) imma mhux fil-goff, hekk li tinkiseb il-kunsinna massima mill-pompa tal-injezzjoni.

4. Matul kull ċiklu ta' aċċelarazzjoni ħielsa, il-mutur għandu jilħaq il-veloċità tal-cut-off jew, għall-vetturi bit-trasmissjonijiet awtomaiċi, il-veloċità speċifikata mill-fabbrikant jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura l-veloċità ta' żewġ terzi tal-veloċità tal-cut-off, qabel ma jiġi rrilaxxjat il-kontroll tal-karburant. Dan jista' jiġi ċċekkjat, per eżempju, billi tiġi mmonitorjata l-veloċità tal-mutur jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed żmien bejn il-għafis inizjali tal-kontroll tal-karburant u r-rilaxx, li fil-każ tal-vetturi tal-kategoriji 1 u 2 tal-Annes I, għandu jkun ta' mill-inqas żewġ sekondi.

(d) Il-valuri tal-limitu:

1. Il-livell tal-konċentrament ma jridx jaqbeż il-livell reġistrat fuq il-pjanċa skont id-Direttiva 72/306/KEE ([1]).

2. Meta ma jkunx disponibbli dan it-tagħrif jew meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiddeċiedu li ma jużawhx bħala riferiment, il-livell tal-konċentrament ma jridx jaqbeż il-livell iddikjarat mill-fabbrikant jew il-valuri tal-limitu ta' koeffiċjent tal-assorbiment li huma kif ġej:

Il-koeffiċent massimu tal-assorbiment għal:

— il-magni tad-diesel li jieħdu l-arja b'mod normali = 2,5 $m^{-1}$

— il-magni tad-diesel turbo-charged = 3,0 $m^{-1}$

— għandu japplika limitu ta' 1,5 $m^{-1}$ għall-vetturi li ġejjin li jkunu ġew appovati għat-tip skont il-valuri tal-limiti murija fi:

(a) il-linja B tat-tabella fil-punt 5.3.1.4 tal-Anness I mad-Direttiva 70/220/KEE — (Vettura tax-Xogħol Ħafif – Euro 4);

(b) il-linja B1 tat-tabelli fil-punt 6.2.1 tal-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE ([2]) — (Vetturi tad-Diesel tax-Xogħol Tqil – Euro 4);

(c) il-linja B2 tat-tabelli fil-punt 6.2.1 tal-Anness I mad-Direttiva 88/77/KEE— (Vettura tad-Diesel tax-Xogħol Tqil — Euro 5);

(d) il-linja Ċ tat-tabelli fil-punt 6.2.1 tal-Anessi mad-Direttiva 88/77/KEE— (Vettura tax-Xogħol Tqil — EEV);

jew il-valuri tal-limiti fl-emendi iktar tard tad-Direttiva 70/220/KEE jew il-valuri tal-limitu fl-emendi iktar tard tad-Direttiva 88/77/KEE jew il-valuri ekwivalenti meta jintuża tagħmir ta' tip differenti minn dak użat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

Meta l-konformità mal-punt 5.3.1.4 tal-Anness I mad-Direttiva 70/220/KEE, jew għat-taqsima 6.2.1 tal-Anness mad-Direttiva 88/77/KEE, ma tkunx possibbli allura ta' hawn fuq għandu japplika għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2008.

3. Il-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dawn ir-rekwiżiti.

4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet biss jekk il-medji aritmetiċi ta' mill-inqas tlieta miċ-ċikli tal-aċċelerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valur tal-limiti. Dan jista' jiġi kkalkolat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mal-medju mqabbel, jew ir-riżultat ta' kull kalkolu statistiku ieħor li jqis it-tifrix tal-kejlijiet. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru taċ-ċikli tat-testijiet.

---

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tat-2 ta' Awwissu 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrelataw mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emmissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu minn magni diesel għall-użu fil-vetturi. (ĠU L 190, 20.8.1972, p. 1.)

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni ta' compression ignition għall-użu f'vetturi, l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni ta' positive ignition alimentati minn gass naturali jew minn gass liqwefatt tal-petroleum għall-użu f'vetturi (ĠU L 36, 9.2.1988, p. 33.)

5. Sabiex jevitaw it-testijiet mhux meħtieġa, l-Istati Membri jistgħu, permezz ta' eċċezzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-punt 8.2.2(d)(4), iwaħħlu fit-testijiet lill-vetturi li jkunu kejlu valuri li jaqbżu b'mod sinifikanti l-valuri tal-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tindif tal-intern (jew l-ekwivalenti) speċifikati fil-punt 8.2.2(b)2(ii). B'mod egwali sabiex jevitaw it-testijiet mhux meħtieġa, l-Istati Membri jistgħu, permezz ta' eċċezzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-punt 8.2.2(d)(4) jgħaddu mit-testijiet lill-vetturi li jkunu kejlu l-valuri b'mod sinifikanti taħt il-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni ħielsa jew tliet ċikli tat-tindif tal-intern (jew l-ekwivalenti) speċifikati fil-punt 8.2.2(b)2(ii).

8.2.3. It-tagħmir tat-testijiet

L-emissjonijiet tal-vetturi jiġu ttestjati bl-użu tat-tagħmir iddisinjat sabiex jistabbilixxi b'mod eżatt jekk ġewx imħarsal-valuri tal-limiti stabbiliti jew indikati mill-fabbrikant.

8.2.4. Meta, matul approvazjoni għat-tip tal-KE, tip ta' vettura tinstab li ma tissodisfax il-valuri tal-limiti stabbiliti b'din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu valuri tal-limiti ogħla għal dan it-tip ta' vettura fuq il-bażi tal-prova fornita mill-fabbrikant. Iridu jgħarrfu lill-Kummssjoni b'dan minnufih u l-Kummissjoni għandha min-naħa tagħha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra.

| VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3 | VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6 |
|---|---|
| 8.3. Is-soppressjoni tal-interferenza tar-radju | |
| 9. **Testijiet supplimentari għal vetturi tat-trasport pubbliku** | |
| 9.1. Ħruġ ta' emerġenza (inklużi mrietel għat-tkissir ta' twieqi), sinjali li jindikaw ħruġ ta' emerġenza | |
| 9.2. Is-sistema tas-sħana | |
| 9.3. Is-sistema ta' ventilazzjoni | |
| 9.4. Id-distribuzzjoni tas-siġġijiet | |
| 9.5. Id-dawl ta' ġewwa | |
| 10. **L-identifikazzjoni tal-vettura** | 10. **L-identifikazzjoni tal-vettura** |
| 10.1. Il-pjanċa ta' reġistrazzjoni | 10.1. Il-pjanċa ta' reġistrazzjoni |
| 10.2. In-numru tax-chassis | 10.2. In-numru tax-chassis |

*ANNESS III*

PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha**

**(imsemmija fl-Artikolu 10)**

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE<br>(ĠU L 46, 17.2.1997, p. 1) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 1999/52/KE<br>(ĠU L 142, 5.6.1999, p. 26) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2001/9/KE<br>(ĠU L 48, 17.2.2001, p. 18) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2001/11/KE<br>(ĠU L 48, 17.2.2001, p. 20) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2003/27/KE<br>(ĠU L 90, 8.4.2003, p. 41) | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1882/2003<br>(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) | L-Anness III, punt 68 biss |

PARTI B

**Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

**(imsemmija fl-Artikolu 10)**

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 96/96/KE | fid-9 ta' Marzu 1998. |
| 1999/52/KE | fit-30 ta' Settembru 2000. |
| 2001/9/KE | fid-9 ta' Marzu 2002. |
| 2001/11/KE | fid-9 ta' Marzu 2003. |
| 2003/27/KE | fl-1 ta' Jannar 2004. |

*ANNESS IV*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Direttiva 96/96/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikoli 1 – 4 | Artikoli 1 – 4 |
| Artikolu 5, sentenza ta' introduzzjoni | Artikolu 5, kliem introduttorju |
| Artikolu 5, l-ewwel sas-seba' inċiż | Artikolu 5, punti (a) sa (g) |
| Artikolu 6 | — |
| Artikolu 7 | Artikolu 6(1) |
| — | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 8(2) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 7(2) |
| Artikolu 8(2) it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 8 (3) | — |
| Artikolu 9(1) | — |
| Artikolu 9(2) | Artikolu 8 |
| Artikolu 10 | — |
| Artikolu 11(1) | — |
| Artikolu 11(2) | Artikolu 9 |
| Artikolu 11(3) | — |
| — | Artikolu 10 |
| Artikolu 12 | Artikolu 11 |
| Artikolu 13 | Artikolu 12 |
| Annessi I-II | Annessi I-II |
| Annessi III-IV | — |
| — | Anness III |
| — | Anness IV |

# DIRETTIVA 2009/42/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Mejju 2009

## dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar

**(Tfassil mill-ġdid)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE tat-8 ta' Diċembru 1995 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar ([2]) ġiet emendata diversi drabi ([3]) b'mod sostanzjali. Ġaladarba għandhom isiru emendi ulterjuri, din għandha tiġi mfassla mill-ġdid, fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Biex twettaq ix-xogħlijiet li ġiet fdata bihom fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport marittimu, il-Kummissjoni (Eurostat) għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha data statistika paragunabbli, affidabbli, sinkronizzata u regolari dwar l-iskala u l-iżvilupp tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar lejn u mill-Komunità, bejn l-Istati Membri u għat-trasport domestiku bil-baħar.

(3) Huwa wkoll importanti għall-Istati Membri u għall-operaturi ekonomiċi li jkollhom tagħrif sod dwar is-suq tat-trasport marittimu.

(4) Il-ġabra ta' data statistika Komunitarja fuq bażi paragunabbli jew armonizzata tagħmilha possibbli li tiġi stabbilita sistema integrata li tipprovdi informazzjoni affidabbli, konsistenti u aġġornata.

(5) Id-data dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar għandu jsir b'mod li jkun paragunabbli bejn l-Istati Membri u bejn modi differenti ta' trasport.

(6) Skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-ħolqien tal-istandards komuni tal-istatistika li jippermettu li tiġi prodotta informazzjoni armonizzata jista' jiġi ttrattat biss b'mod effiċjenti f'livell Komunitarju. Id-data tinġabar f'kull Stat Membru taħt l-awtorità tal-korpi u l-istituzzjonijiet inkarigati biex jiġbru statistiki uffiċjali.

(7) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([4]).

(8) B'mod partikolari, l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Peress li dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia, billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(9) L-elementi ġodda introdotti f'din id-Direttiva jikkonċernaw biss il-proċeduri tal-kumitati. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu trasposti mill-Istati Membri.

(10) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness IX, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

### Ġbir ta' data statistika

L-Istati Membri għandhom jiġbru l-istatistika Komunitarja dwar it-trasport ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' bastimenti tal-baħar li jidħlu fil-portijiet tat-territorji tagħhom.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar" ifisser il-moviment ta' merkanzija u passiġġieri bl-użu ta' bastimenti tal-baħar, fuq vjaġġi magħmula kompletament jew parzjalment fuq il-baħar.

L-iskop ta' din id-Direttiva għandu jinkludi wkoll merkanzija:

(i) trasportata bil-baħar lejn stallazzjonijiet barra x-xtut;

(ii) miġbura minn qiegħ il-baħar u mħatta fil-portijiet.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2008 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009.

([2]) ĠU L 320, 30.12.1995, p. 25.

([3]) Ara l-Anness IX, Parti A.

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Bunkers u ħażniet forniti lil bastimenti għandhom jiġu esklużi mill-iskop ta' din id-Direttiva;

(b) "bastimenti tal-baħar" ifisser bastimenti ta' xort' oħra minn dawk li joperaw esklużivament fl-ilmijiet interni jew fl-ilmijiet ta' ġewwa, jew li jmissu ma', ilmijiet imkennija jew żoni fejn japplikaw ir-regolamenti tal-portijiet.

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal bastimenti li fuqhom jinqabad il-ħut, bastimenti li fuqhom jipproċessaw il-ħut, bastimenti għat-tħaffir u l-esplorazzjoni, bastimenti li jirmunkaw, bastimenti li jimbuttaw u bastimenti għar-riċerka jew għall-istħarriġ, dredgers, bastimenti navali jew bastimenti użati biss għal skopijiet mhux kummerċjali;

(c) "port" ifisser post li għandu faċilitajiet għal vapuri merkantili sabiex jirmiġġaw u jgħabbu jew iħottu t-tagħbija jew sabiex jiżbarkaw jew jimbarkaw passiġġieri fuq jew minn bastimenti;

(d) "nazzjonalità tal-operatur tat-trasport marittimu" ifisser dik li tikkorrispondi għall-pajjiż li fih jinsab iċ-ċentru effettiv tal-attività kummerċjali tal-operatur tat-trasport;

(e) "operatur tat-trasport marittimu" ifisser kull persuna li tikkonkludi, jew li f'isimha jiġi konkluż, kuntratt ma' karigatur jew passiġġier għat-trasport bil-baħar ta' merkanzija jew persuni.

*Artikolu 3*

**Karatteristiċi tal-ġbir tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-data relatata ma':

(a) informazzjoni dwar it-tagħbija u l-passiġġieri;

(b) informazzjoni dwar il-bastiment.

Bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' inqas minn 100 jistgħu jiġu esklużi mill-ġbir tad-data.

2. Il-karatteristiċi tal-ġbir tad-data, jiġifieri l-varjabbli statistiċi f'kull dominju u n-nomenklaturi għal klassifika tagħhom, kif ukoll il-perjodiċità tagħhom ta' osservazzjoni, huma stabbiliti fl-Annessi I sa VIII.

3. Il-ġbir tad-data għandu jkun ibbażat, sa kemm huwa possibbli, fuq sorsi disponibbli, sabiex jiġi llimitat il-piż fuq dawk li jwieġbu.

4. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-karatteristiċi tal-ġbir tad-data u tal-kontenut tal-Annessi I sa VIII għall-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi sakemm tali adattament ma jinvolvix żieda sostanzjali fin-nefqa għall-Istati Membri u/jew fil-piż li jġorru dawk li jwieġbu.

Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).

*Artikolu 4*

**Il-Portijiet**

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tfassal lista ta' portijiet, kodifikati u klassifikati skont il-pajjiżi u ż-żoni marittimi kostali.

Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).

2. Kull Stat Membru għandhu jagħżel mill-lista imsemmija fil-paragrafu 1 port li minn ġo fih jgħaddu iżjed minn miljun tunnellata merkanzija jew li jirreġistra iżjed minn 200 000 moviment ta' passiġġieri kull sena.

Għal kull port magħżul, data dettaljata għandha tiġi pprovduta, b'konformità mal-Anness VIII, għad-dominji (merkanzija u passiġġieri) li fihom dak il-port jissodisfa l-kriterji tal-għażla, u b'data sommarja, jekk approprjat, għad-dominju l-ieħor.

3. Għal portijiet mhux magħżula mil-lista, data sommarja għandha tiġi pprovduta skont l-Annessi VIII, sett ta' data A3.

*Artikolu 5*

**Preċiżjoni tal-istatistika**

Il-metodu tal-ġbir tad-data għandu jkun tali li l-istatistika Komunitarja tat-trasport bil-baħar juru l-preċiżjoni meħtieġa għas-settijiet ta' data statistika deskritti fl-Annness VIII.

Il-Kummissjoni għandha tfassal standards ta' preċiżjoni.

Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).

*Artikolu 6*

**L-ipproċessar tar-riżultati tal-ġbir tad-data**

L-Istati Membri għandhom jipproċessaw l-informazzjoni statistika miġbura skont l-Artikolu 3, sabiex tinkiseb statistika paragunabbli, bl-istandard ta' preċiżjoni previst fl-Artikolu 5.

*Artikolu 7*

**It-trażmissjoni tar-riżultati tal-ġbir tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu r-riżultati tal-ġbir tad-data msemmija fl-Artikolu 3 lill- Kummissjoni (Eurostat), inkluża d-data ddikjarata kunfidenzjali mill-Istati Membri skont il-leġislazzjoni jew il-prattika domestika li jikkonċernaw il-kunfidenzjalità statistika, skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea [1]

---

[1] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

2. Ir-riżultati għandhom jiġu trażmessi skont l-istruttura tas-settijiet ta' data statistika definiti fl-Anness VIII. Id-dettalji tekniċi għat-trażmissjoni tar-riżultati għandhom jiġu speċifikati skont il-proċedura tal-immaniġġjar imsemmija fl-Artikolu 10(2).

3. It-trażmissjoni tar-riżultati għandha ssir fi żmien ħames xhur mill-aħħar tal-perjodu ta' osservazzjoni għad-data ta' perjodiċità kull kwart u fi żmien tmien xhur għal data ta' perjodiċità annwali.

L-ewwel trażmissjoni għandha tkopri l-ewwel kwart tas-sena 1997.

*Artikolu 8*

**Ir-Rapporti**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bl-informazzjoni relevanti kollha dwar il-metodi użati għall-ġbir tad-data. Għandhom ukoll jgħaddu d-dettalji ta' bdil sostanzjali fil-metodi użati għall-ġbir tad-data.

*Artikolu 9*

**Id-disseminazzjoni tad-data statistika**

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tiddissemina id-data statistika adatta b'perjodiċità paragunabbli ma' dik tat-trażmissjoni tar-riżultati.

L-arranġamenti għall-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni tad-data statistika mill-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ġestjoni imsemmija fl-Artikolu 10(2).

*Artikolu 10*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'kont meħud tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 11*

**Komunikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

**Tħassir**

Id-Direttiva 95/64/KE, kif emendata mill-Atti elenkati fl-Anness IX, Parti A, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness IX, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 14*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, 6 ta' Mejju 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J. KOHOUT |

*ANNESS I*

## IL-VARJABBLI U D-DEFINIZZJONIJIET

1. **Il-varjabbli Statistiċi**

(a) *L-informazzjoni dwar il-merkanzija u l-passiġġieri*

— piż gross tal-merkanzija f'tunnellati,

— tip ta' merkanzija, skont in-nomenklatura murija fl-Anness II,

— deskrizzjoni tal-merkanzija, bl-użu tan-nomenklatura murija fl-Anness III,

— il-port ta' rappurtaġġ

— direzzjoni ta' moviment, jekk hux 'il ġewwa jew 'il barra,

— għall-merkanzija dieħla 'l ġewwa: il-port tat-tagħbija (jiġifieri l-port li fih il-merkanzija ġiet mgħobbija fuq il-vapur li fih waslet fil-port tar-rappurtaġġ) bl-użu ta' portijiet individwali fil-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) murija fil-lista tal-portijiet, u fiż-żoni kostali marittimi barra mill-pajjiżi taż-ŻEE, murija fl-Anness IV,

— Għall-merkanzija ħierġa 'l barra: il-port tal-ħatt (jiġifieri l-port li fih il-merkanzija għandha tinħatt mill-vapur li fih telqet mill-port tar-rappurtaġġ) bl-użu ta' portijiet individwali fil-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea murija fil-lista tal-portijiet, u fiż-żoni kostali marittimi barra mill-pajjiżi taż-ŻEE, murija fl-Anness IV,

— Numru ta' passiġġieri li jibdew jew jispiċċaw vjaġġ.

Għall-merkanzija li tinġarr f'kontejners jew unitajiet ro-ro, għandhom jiġu pprovduti dawn id-dettallji addizzjonali partikolari:

— Numru ta' kontejners bil-merkanzija,

— Numru ta' kontejners mingħajr merkanzija,

— Numru totali ta' unitajiet mobbli (ro-ro) bil-merkanzija jew mingħajrha,

— Numru totali ta' unitajiet mobbli (ro-ro) mingħajr merkanzija.

(b) *Informazzjoni dwar il-bastiment*

— Numru ta' bastimenti;

— il-piż waħdu tal-bastimenti jew tunnellaġġ gross;

— pajjiż jew territorju tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti, bl-użu tan-nomenklatura murija fl-Anness V;

— tip ta' bastimenti, bl-użu tan-nomenklatura murija fl-Anness VI;

— daqs tal-bastimenti, bl-użu tan-nomenklatura murija fl-Anness VII.

2. **Id-Definizzjonijiet**

(a) "Kontenitur tat-tagħbija" ifisser artikolu ta' tagħmir tat-trasport:

(1) ta' natura permanenti u għalhekk b'saħħtu biżżejjed sabiex ikun tajjeb għal użu ripetittiv;

(2) diżinjat speċjalment sabiex jiffaċilita t-trasport tal-merkanzija b'mod wieħed jew iktar ta' trasport, mingħajr tagħbija mill-ġdid intermedja;

(3) mgħammar b'apparat li jippermetti li jiġi mmaniġġjat faċliment, b'mod partikolari t-trasferiment tiegħu minn mod wieħed ta' trasport għal ieħor;

(4) hekk maħsub sabiex ikun faċli biex jimtela u biex jiġi żvujtat;

(5) ta' tul ta' 20 pied jew aktar.

(b) "Unità ro-ro" ifisser tagħmir bir-roti għat-trasport ta' merkanzija, bħalma huwa trakk, karru jew semikarru, li jista' jiġi misjuq jew irmunkat fuq bastiment. Karrijiet tal-port jew tal-vapuri huma inklużi f'din id-definizzjoni. Il-Klassifiki għandhom isegwu r-Rakkomandazzjoni ECE Nru 21 tan-Nazzjonijiet Uniti "Kodiċi għat-tipi ta' merkanzija, pakketti u materjali tal-imballaġġ".

(c) "Merkanzija tal-kontejners" ifisser kontejners bil-merkanzija jew mingħajrha li jintrefgħu fuq jew mill-bastimenti li jittrasportawhom bil-baħar.

(d) "Merkanzija ro-ro" tfisser merkanzija, kemm jekk fil-kontejners u kemm jekk le, fuq unitajiet ro-ro, u unitajiet ro-ro li huma rrumblati fuq jew mill-bastimenti li jittrasportawhom bil-baħar.

(e) "Il-piż gross tal-merkanzija" jfisser it-tunnellaġġ ta' merkanzija ttrasportata, inkluż l-imballaġġ imma eskluż il-piż waħdu tal-kontejners jew ta' l-unitiajiet ro-ro.

(f) "Il-Piż (DWT)" (Deadweight) ifisser id-differenza f'tunnellati metriċi bejn l-ispostar ta' vapur fuq il-linja tat-tagħbija tas-sajf fl-ilma b'gravitá speċifika ta' 1,025 u l-piż totali tal-vapur, jiġifieri l-ispostar f'tunnellati metriċi ta' vapur mingħajr merkanzija, karburant, żejt ta' lubrifikazzjoni, ilma saborra, ilma frisk u ilma tax-xorb fit-tankijiet, provvisti li jintużaw kif ukoll passiġġieri, ekwipaġġ u l-ħwejjeġ tagħhom.

(g) "Tunnellaġġ gross" ifisser id-daqs globali ta' vapur determinat skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Vapuri, 1969.

(h) "Passiġġier fuq kroċiera" tfisser passiġġier bil-baħar li jagħmel vjaġġ bil-baħar fuq bastiment tal-kroċiera. Il-passiġġieri fuq eskursjonijiet ta' jum huma esklużi.

(i) "Vapur tal-kroċiera" tfisser vapur tal-passiġġieri ppjanat li jipprovdi lill-passiġġieri b'esperjenza turistika sħiħa. Il-faċilitajiet għad-divertiment abbord huma inklużi. Il-vapuri li jipprovdu servizzi ta' *ferries* normali huma esklużi, ukoll jekk xi passiġġieri jikkunsidraw is-servizz bħala kroċiera. Barra minn dan, il-bastimenti li jġorru l-merkanzija li jistgħu jittrasportaw numru limitat ħafna ta' passiġġieri bil-kabini tagħhom stess huma esklużi wkoll. Il-bastimenti maħsuba unikament għall-eskursjonijiet ta' jum huma wkoll esklużi.

(j) "Eskursjoni tal-passiġġieri fuq kroċiera" tfisser żjara qasira minn passiġġier fuq kroċiera lejn attrazzjoni turistika assoċjata ma' port filwaqt li jżomm kabina abbord.

*ANNESS II*

## TIP TA’ KLASSIFIKAZZJONI TAL-MERKANZIJA

| Kategorija (1) | Kodiċi ċifra waħda | Kodiċi żewġ ċifri | Deskrizzjoni | Tunnellaġġ | Numru |
|---|---|---|---|---|---|
| Tagħbija Likwida | 1 | 1X | Merkanzija likwida bl-ingross (ebda unità ta’ merkanzija) | X | |
| | | 11 | Gass likwifikat | X | |
| | | 12 | Żejt mhux raffinat | X | |
| | | 13 | Prodotti taż-żejt | X | |
| | | 19 | Merkanzija likwida oħra bl-ingross | X | |
| Tagħbija niexfa | 2 | 2X | Merkanzija niexfa bl-ingrossa (ebda unità ta’ merkanzija) | X | |
| | | 21 | Minerali | X | |
| | | 22 | Faħam | X | |
| | | 23 | Prodotti agrikoli (eż qamħ, soya, tapjoka) | X | |
| | | 29 | Merkanzija niexfa oħra bl-ingrossa | X | |
| Containers | 3 | 3X | Containers kbar | X (2) | X |
| | | 31 | 20’ unità ta’ tagħbija | X (2) | X |
| | | 32 | 40’ unità ta’ tagħbija | X (2) | X |
| | | 33 | Unitajiet ta’ tagħbija > 20’ u < 40’ | X (2) | X |
| | | 34 | Unitajiet ta’ tagħbija > 40’ | X (2) | X |
| Irrumblati ’l fuq irrumblati ’l isfel (jaħdmu waħedhom) | 5 | 5X | Unitajiet mobbli li jaħdmu waħedhom | X | X |
| | | 51 | Vetturi tal-merkanzija tat-triq u l-karrijiet li jiġu magħhom | X (2) | X |
| | | 52 | Karozzi għall-passiġġieri u l-karrijiet/il-karavannijiet li jiġu magħhom | | X (3) |
| | | 53 | Karozzi tal-linja għall-passiġġieri | | X (3) |
| | | 54 | Vetturi tal-kummerċ (inklużi vetturi bil-mutur għall-importazzjoni u esportazzjoni) | X | X (3) |
| | | 56 | Bhejjem ħajjin | X | X (3) |
| | | 59 | Unitajiet mobbli oħrajn li jaħdmu waħedhom | X | X |
| Irrumblati ’l fuq irrumblati ’l isfel (mhux li jaħdmu waħedhom) | 6 | 6X | Unitajiet mobbli oħrajn li ma jaħdmux waħedhom | X | X |
| | | 61 | Karrijiet u semikarrijiet tat-triq għat-trasport ta’ merkanzija mhux akkumpanjati | X (2) | X |
| | | 62 | Karavannijiet u karrijiet oħra tat-triq, agrikoli u industrijali mhux akkumpanjati | | X (3) |
| | | 63 | Vaguni tal-ferrovija, karrijiet ta’ fuq il-bastimenti li jintużaw minn port għall-ieħor u barkuni ta’ fuq il-bastimenti involuti fit-trasport tal-merkanzija | X (2) | X |
| | | 69 | Unitajiet mobbli oħrajn li jaħdmu waħedhom | X | X |
| Merkanzija ġenerali oħra | 9 | 9X | Merkanzija oħra, mhux speċifkata mkien ieħor | X | |
| | | 91 | Prodotti forestali | X | |
| | | 92 | Prodotti tal-ħadid u l-azzar | X | |
| | | 99 | Merkanzija ġenerali oħra | X | |

(1) Dawn il-kategoriji huma konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet EKE Nru 21 tan-Nazzjonijiet Uniti.
(2) Il-kwantità rreġistrata hija l-piż gross tal-merkanzija inkluż l-imballaġġ imma eskluż il-piż waħdu tal-containers u l-unitajiet ro-ro.
(3) In-numru totali tal-unitajiet biss.

*ANNESS III*

**NST 2007**

| Diviżjoni | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 01 | Prodotti tal-agrikokura, tal-kaċċa u tal-forestrija; ħut u prodotti oħra tas-sajd |
| 02 | Faħam u lignite; żejt mhux u gass naturali |
| 03 | Metalli mhux maħduma u prodotti oħra tal-minijieri u tal-barrieri; pit; uranju u torju |
| 04 | Prodotti ta' l-ikel, xorb u tabakk |
| 05 | Tessuti u prodotti tat-tessuti; ġilda u prodotti tal-ġilda |
| 06 | Injam u prodotti tal-injam u tas-sufra (għajr għamara); oġġetti magħmulin mittiben u materjal ta' l-immaljar; polpa, karta u prodotti tal-karta: materjal stampat u materjal irrekordjat |
| 07 | Kokk u prodotti taż-żejt irraffinat |
| 08 | Kimiċi, prodotti kimiċi, u fibri magħmula mill-bniedem; gomma u prodotti tal-plastik; fjuwil nukleari |
| 09 | Prodotti oħra minerali li m'humiex metallici |
| 10 | Metalli bażiċi; prodotti ffabbrikati mill-metall, għajr makkinarju u tagħmir |
| 11 | Makkinarju u tagħmir n.e.c.; makkinarju ta' l-ufficeji u kompjuters, makkinarju u apparat elettriku n.e.c.; tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni; strumenti medici, ta' precizjoni u ottiċi; arloġġi |
| 12 | Tagħmir ta' trasport |
| 13 | Għamara; oġġetti oħra mmanifatturati n.e.c. |
| 14 | Materja prima sckondarja; skart municipali u tip schor ta' skart |
| 15 | Posta pakketti postali |
| 16 | Tagħmir u materjal utilizzat għat-transport tal-merkanzija |
| 17 | Oġġetti traspostati fil-ġarr minn djar u uffiċċiji; bagalji trasportati separatament mill-passiġġieri; vetturi bil-mutur li jinġarru għat-tiswija; oġġetti oħra li ma jkunux għas-suq n.e.c. |
| 18 | Merkanzija raggruppata: taħlita ta' tipi ta' merkanzija li huma ttrasportati flimkien |
| 19 | Merkanzija mhux identifikabbli: merkanzija li għal xi raġuni ma tistax tiġi identifikata u għal-hekk ma tissax tiġi assenjata lill-gruppi 01 – 16 |
| 20 | Merkanxija oħra n.e.c. |

*ANNESS IV*

**IŻ-ŻONI KOSTALI MARITTIMI**

In-nomenklatura li għandha tiġi użata fil-Ġeonomenklatura (in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistiċi tal-kummerċ barrani mill-Komunità u l-istatistici tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, imfassla skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 tat-22 ta' Mejju 1995 dwar l-istatistika dwar il-kummerċ fl-oġġetti mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha ma' pajjiżi li mhumiex membri ([1])) fis-seħħ fis-sena li għaliha tirreferi d-data.

Il-kodiċi jikkonsisti f'erba' ċifri: il-kodiċi standard ISO alpha 2 għal kull pajjiż min-nomenklatura msemmija fuq, segwit minn żewġ żerojiet (eż. kodiċi GR00 għall-Greċja), ħlief għal pajjiżi li huma maqsuma f'żewġ żoni kostali marittimi jew aktar, li huma identifikati mir-raba' ċifra għajr iż-żero (minn 1 sa 7), bħal isfel:

| *Kodiċi* | *Żona kostali marittima* |
|---|---|
| FR01 | Franza: l-Atlantiku u l-Baħar tan-Nord |
| FR02 | Franza: il-Mediterran |
| FR03 | Dipartimenti *extra*-Ewropej ta' Franza: Guyana Franċiża |
| FR04 | Dipartimenti *extra*-Ewropej ta' Franza: Martinique u Gaudeloupe |
| FR05 | Dipartimenti *extra*-Ewropej ta' Franza: Reunion |
| DE01 | Ġermanja: il-Baħar tan-Nord |
| DE02 | Ġermanja: il-Baltiku |
| DE03 | Ġermanja: ir-Rhine |
| GB01 | Renju Unit |
| GB02 | L-Isle of Man |
| GB03 | Iċ-Channel Islands |
| ES01 | Spanja: Atlantiku (it-Tramuntana) |
| ES02 | Spanja: il-Mediterran u l-Atlantiku (in-nofs in-nhar inlużi l-Balerariċi u l-Canary Islands) |
| SE01 | L-Isvezja: il-Baltiku |
| SE02 | L-Isvezja: il-Baħar tan-Nord |
| TR01 | It-Turkija: il-Baħar l-Iswed |
| TR02 | It-Turkija: il-Mediterran |
| RU01 | Russja: il-Baħar l-Iswed |
| RU02 | Russja: il-Baltiku |
| RU03 | Russja: l-Asja |
| MA01 | Il-Marokk: il-Mediterran |
| MA02 | Il-Marokk: l-Afrika tal-Punent |
| EG01 | L-Eġittu: il-Mediterran |
| EG02 | L-Eġittu: il-Baħar l-Aħmar |
| IL01 | L-Iżrael: il-Mediterran |
| IL02 | L-Iżrael: il-Baħar l-Aħmar |
| SA01 | L-Arabja Sawdita: il-Baħar l-Aħmar |
| SA02 | L-Arabja Sawdita: il-Golf |
| US01 | L-Istati Uniti tal-Amerika: l-Atlantiku (it-tramuntana) |
| US02 | L-Istati Uniti tal-Amerika: l-Atlantiku (in-nofs in-nhar) |
| US03 | L-Istati Uniti tal-Amerika: il-Golf |
| US04 | L-Istati Uniti tal-Amerika: il-Paċifiku (in-nofs in-nhar) |
| US05 | L-Istati Uniti tal-Amerika: il-Paċifiku (it-tramuntana) |

([1]) ĠU L 118, 25.5.1995, p. 10.

| *Kodiċi* | *Żona kostali marittima* |
|---|---|
| US06 | L-Istati Uniti tal-Amerika: Great Lakes |
| US07 | Puerto Rico |
| CA01 | Il-Kanada: L-Atlantiku |
| CA02 | Il-Kanada: Great Lakes, Upper St. Lawrence |
| CA03 | Il-Kanda: il-Kosta tal-Punent |
| CO01 | Kolombja: il-Kosta tat-Tramuntana |
| CO02 | Kolombja: il-Kosta tal-Punent |
| | *Bil-kodiċi addizzjonali* |
| ZZ01 | Installazzjonijiet barra x-xtut |
| ZZ02 | Aggregati u postijiet mhux speċifikati mkien ieħor |

*ANNESS V*

## NAZZJONALITÀ TAR-REĠISTRAZZJONI TAL-BASIMENTI

In-nomenklatura li għandha tiġi użata hija l-Ġeo-nomenklatura (in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistiċi tal-kummerċ barrani mill-Komunità u l-istatistici tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, imfassla skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1172/95) fis-seħħ fis-sena li għaliha tirreferi d-data.

Il-kodiċi jikkonsisti f'erba' ċifri: il-kodiċi standard ISO alpha 2 għal kull pajjiż min-nomenklatura msemmija hawn fuq, segwita minn żewġ żerijiet (eż., il-kodiċi GR00 għall-Greċja), ħlief pajjiżi li huma mqassma f'żewġ żoni kostali marittimi jew aktar, li huma identifikati mir-raba' ċifra li ma tkunx żero (mill-1 sa 7), bħal hawn taħt: Fejn jeżisti aktar minn reġistru wieħed, il-pajjiżi jridu jkunu kodifikati kif ġej:

| | |
|---|---|
| FR01 | Franza |
| FR02 | It-Territorju Antartiku Franċiż (li jinkludi il-Gżejjer Kerguelen) |
| IT01 | L-Italja — l-ewwel reġistru |
| IT02 | L-Italja — ir-reġistru internazzjonali |
| GB01 | Ir-Renju Unit |
| GB02 | L-Isle of Man |
| GB03 | Iċ-Channel Islands |
| GB04 | Ġibiltà |
| DK01 | Id-Danimarka |
| DK02 | Id-Danimarka (DIS) |
| PT01 | Il-Portugall |
| PT02 | Il-Portugall (MAR) |
| ES01 | Spanja |
| ES02 | Spanja (Rebeca) |
| NO01 | In-Norveġja |
| NO02 | In-Norveġja (NIS) |
| US01 | L-Istati Uniti tal-Amerika |
| US02 | Puerto Rico |

*ANNESS VI*

## TIP TA' KLASSIFIKA TAL-BASTIMENT (ICST-COM)

| | Tip | Il-kategoriji ta' bastiment inklużi |
|---|---|---|
| 10 | Tagħbija Likwida | Tanker taż-żejt<br>Tanker tal-Kimiċi<br>Tanker LG<br>Tanker barkun<br>Tanker ieħor |
| 20 | Tagħbija niexfa | Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa/taż-żejt<br>Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa |
| 31 | Kontejner | Kontejner mimli |
| 32 | Speċjalizzati | Trasportatur tal-barkuni<br>Trasportatur tal-kimiċi<br>Karburanti irradjati<br>Trasportatur ta' bhejjem<br>Trasportatur tal-vetturi<br>Speċjalizzati oħrajn |
| 33 | Merkanzija ġenerali, mhux speċjalizzata | Reefer<br>Ro-ro tal-passiġġieri<br>Kontejner ro-ro<br>Merkanzija ro-ro oħra<br>Trasportatur ikkumbinat ta' merkanzija ġenerali/passiġġieri<br>Trasportatur ikkumbinat ta' merkanzija ġenerali/kontejner<br>Basitmenti bi gverta singola<br>Bastimenti bi gverti multipli |
| 34 | Barkun ta' merkanzija niexfa | Barkun Gverta (deck barge)<br>Barkun Hopper<br>Barkun lash-seabee<br>Barkun ta' merkanzija niexfa miftuħ<br>Barkun ta' merkanzija niexfa mgħotti<br>Barkuni oħrajn ta' merkanzija niexfa nes |
| 35 | Tal-Passiġġieri | Tal-Passiġġieri (esklużi l-passiġieri tal-kroċieri) |
| 36 | Kroċiera Ta' passiġġieri | Bastimenti tal-kroċieri biss |
| 41 | Tas-Sajd | Għall-qabda tal-ħut (*)<br>Għall-ipproċessar tal-ħut (*) |
| 42 | Attivitajiet barra x-xtut | Tħaffir u esplorazzjoni (*)<br>Appoġġ barra x-xtut (*) |
| 43 | Bastimenti li jirmunkaw | Bastimenti li jirmunkaw (*)<br>Bastimenti li jimbuttaw (*) |
| 49 | Mixxellanji | Dredgers (*)<br>Riċerka/inkjesta (*)<br>Bastimenti oħrajn nes (*) |
| XX | Mhux magħruf | Tip ta' bastiment mhux magħruf |

(*) Mhux kopert minn din id-Direttiva.

*ANNESS VII*

**IL-KLASSIJIET TAD-DAQS TAL-BASTIMENTI**

**il-ħlas tan-nol skont il-piż (P) jew f'tunnellaġġ gross (TG)**

Din il-klassifika tappika biss għal bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' 100 jew iżjed.

| Il-klassi | Il-limitu ta' isfel | | Il-Limitu ta' fuq | |
|---|---|---|---|---|
| | P | TG | P | TG |
| 01 | — | 100 | sa 499 | sa 499 |
| 02 | 500 | 500 | 999 | 999 |
| 03 | 1 000 | 1 000 | 1 999 | 1 999 |
| 04 | 2 000 | 2 000 | 2 999 | 2 999 |
| 05 | 3 000 | 3 000 | 3 999 | 3 999 |
| 06 | 4 000 | 4 000 | 4 999 | 4 999 |
| 07 | 5 000 | 5 000 | 5 999 | 5 999 |
| 08 | 6 000 | 6 000 | 6 999 | 6 999 |
| 09 | 7 000 | 7 000 | 7 999 | 7 999 |
| 10 | 8 000 | 8 000 | 8 999 | 8 999 |
| 11 | 9 000 | 9 000 | 9 999 | 9 999 |
| 12 | 10 000 | 10 000 | 19 999 | 19 999 |
| 13 | 20 000 | 20 000 | 29 999 | 29 999 |
| 14 | 30 000 | 30 000 | 39 999 | 39 999 |
| 15 | 40 000 | 40 000 | 49 999 | 49 999 |
| 16 | 50 000 | 50 000 | 79 999 | 79 999 |
| 17 | 80 000 | 80 000 | 99 999 | 99 999 |
| 18 | 100 000 | 100 000 | 149 999 | 149 999 |
| 19 | 150 000 | 150 000 | 199 999 | 199 999 |
| 20 | 200 000 | 200 000 | 249 999 | 249 999 |
| 21 | 250 000 | 250 000 | 299 999 | 299 999 |
| 22 | ≥ 300 000 | ≥ 300 000 | — | — |

*NB:* Jekk bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' inqas minn 100 kellhom jiġu inklużi skont din id-Direttiva, kienu jiġu allokati kodiċi tal-klassi "99".

*ANNESS VIII*

## L-ISTRUTTURA GĦAL SETTIJIET TA' DATA STATISTIKA

Is-settijiet ta' data speċifikati f'dan l-Anness jiddefinixxu l-perjodiċità għall-istatistiċi tat-trasport marittimu meħtieġa mill-Komunitá. Kull sett ta' data jidefinixxi klassifika inkroċjata ta' sett limitat ta' qisien fuq livelli differenti tan-nomenklaturi, aggregati tul il-qisien l-oħrajn kollha, li għalihom ikunu meħtieġa statistiċi ta' kwalità tajba.

Il-kondizzjonijiet għal ġbir tas-sett ta' data B1 għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni fid-dawl tar-riżultati tal-istudji pilota mwettqatul perjodu ta' tliet snin skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 95/64/KE u dwar il-possibilità u l-ispiża lil Stati Membri u lil dawk li jirrispondu għal ġbir ta' dawn il-punti ta' informazzjoni.

STATISTIĊI FIL-QOSOR U DETTALJATI

— Is-settijiet ta' data li għandhom jiġu pprovduti għal portijiet magħżula għall-merkanzija u l-passiġġieri huma A1, A2, B1, C1, D1, E1, F1 u/jew F2.

— Is-settijiet ta' data li għandhom jiġu pprovduti għal portijiet magħżula għal-merkanzija imma mhux għall-passiġġieri huma A1, A2, A3, B1, C1, E1, F1 u/jew F2.

— Is-settijiet ta' data li għandhom jiġu pprovduti għal portijiet magħżula għall-passiġġieri imma mhux għall-merkanzija huma A3, D1, F1 u/jew F2.

— Is-sett ta' data li għandu jiġi pprovdut għal portijiet magħżula u għal portijiet mhux magħżula (għall-merkanzija jew għall-passiġġieri) huwa A3.

**Sett ta' dejta A1**: Trasport bil-baħar fil-portijiet Ewropej ewlenin bil-port, tip ta' merkanzija u relazzjoni

Perjodiċità: ta' kull kwart tas-sena

| | Varjabbli | Dettall tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | A1 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (1, 2, 3, 4) |
| | Port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE magħżula fil-lista tal-portijiet |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | 'l ġewwa, 'l barra (1, 2) |
| | Port ta' tagħbija/ħatt | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE fil-lista tal-portijiet |
| | Relazzjoni | Erba' ittri alfanumeriċi | Żoni kostali marittimi, Anness IV |
| | Tip ta' merkanzija | Ittra waħda alfanumerika | Tip ta' merkanzija, Anness II |

*Dejta:* Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati

**Sett ta' dejta A2**: Trasport bil-baħar b'tagħbija bla unitajiet fil-portijiet Ewropej ewlenin skond il-port, it-tip ta' merkanzija u r-relazzjoni

Perjodiċità: ta' kull kwart ta' sena

| | Varjabbli | Dettall tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | A2 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (1, 2, 3, 4) |
| | Port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE magħżula fil-lista tal-portijiet |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | 'il ġewwa, 'l barra (1, 2) |
| | Port ta' tagħbija/ħatt | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE fil-lista tal-portijiet |
| | Relazzjoni | Erba' ittri alfanumeriċi | Żoni kostali marittimi, Anness IV |
| | Tip ta' merkanzija | Żewġ ittri alfanumeriċi | Tip ta' merkanzija (tagħbija bla unitajiet biss), Anness II (subkategoriji 1X, 11, 12, 13, 19, 2X, 21, 22, 23, 29, 9X, 91, 92 u 99) |

*Dejta*: Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati

**Sett ta' dejta A3**: Dejta meħtieġa kemm għal portijiet magħżula u dawk li għalihom statistiċi dettaljati mhumiex meħtieġa (Ara l-Artikolu 4(3))

Perjodiċità: annwali

| | Varjabbli | Dettall tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | A3 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (0) |
| | Il-port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Il-Portijiet kollha fil-lista tal-portijiet |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | il ġewwa, 'l barra (1, 2) |

*Dejta* Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati.
Numru ta' passiġġieri (hlief passiġġieri fuq kroċieri).
Numru ta' passiġġieri fuq kroċieri li jibdew u jtemmu kroċiera.
Numru ta' passiġġieri fuq eskursjoni tal-passiġġieri fuq kroċieri: Direzzjoni: 'l ġewwa (1) biss — (mhux obbligatorju).

**Sett ta' dejta B1**: Trasport bil-baħar fil-portijiet Ewropej ewlenin skond il-port, it-tip ta' merkanzija, l-oġġetti u r-relazzjoni

Perjodiċità: annwali

| | Varjabbli | Dettall tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | B1 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (0) |
| | Il-port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE magħżula fil-lista tal-portijiet |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | 'il ġewwa, 'l barra (1, 2) |
| | Port ta' tagħbija/ħatt | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE fil-lista tal-portijiet |
| | Relazzjoni | Erba' ittri alfanumeriċi | Żoni kostali marittimi, Anness IV |
| | Tip ta' merkanzija | Ittra waħda alfanumerika | Tip ta' merkanzija, Anness II |
| | Kommodità | Żewġ ittri alfanumeriċi | Nomenklatura tal-merkanzija, l-Anness |

*Dejta:* Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati

**Sett ta' dejta C1**: Trasport bil-baħar b'tagħbija b' unitajiet fil-portijiet Ewropej ewlenin skond il-port, it-tip ta' merkanzija, ir-relazzjoni u l-istat tat-tagħbija

Perjodiċità: ta' kull kwart tas-sena

| | Varjabbli | Dettall tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | C1 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (1, 2, 3, 4) |
| | Il-port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE magħżula fil-lista tal-portijiet |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | 'il ġewwa, 'l barra (1, 2) |
| | Port ta' tagħbija/ħatt | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE fil-lista tal-portijiett |
| | Relazzjoni | Erba' ittri alfanumeriċi | Żoni kostali marittimi, Anness IV |
| | Tip ta' merkanzija | Żewġ ittri alfanumeriċi | Tip ta' merkanzija (kontejner, ro-ro biss), l-Anness II (subkategoriji 3X, 31, 32, 33, 34, 5X, 51, 52, 53, 54, 56, 59, 6X, 61, 62, 63 u 69) |

*Dejta:* Il-piż gross tal-oġġetti f'tunnellati (tip ta' merkanzija: subkategoriji 3X, 31, 32, 33, 34, 5X, 51, 54, 56, 59, 6X, 61, 62, 63 u 69).
Numru ta' unitajiet (tip ta' merkanzija: subkategoriji 3X, 31, 32, 33, 34, 5X, 51, 52, 53, 54, 56, 59, 6X, 61, 62, 63 u 69).
Numru ta' unitajiet mingħajr merkanzija (tip ta' merkanzija: subkategoriji 3X, 31, 32, 33, 34, 5X, 51, 59, 6X, 61, 63 u 69).

**Sett ta' dejta D1**: Trasport tal-passiġġieri fil-portijiet Ewropej ewlenin, skond ir-relazzjoni u n-nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastiment

Perjodiċità: ta' kull kwart tas-sena

| | Varjabbli | Dettal tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | D1 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (1, 2, 3, 4) |
| | Il-port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE magħżula fil-lista tal-portijiet |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | 'il ġewwa, 'l barra (1, 2) |
| | Port ta' tagħbija/ħatt | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE fil-lista tal-portijiet |
| | Relazzjoni | Erba' ittri alfanumeriċi | Żoni kostali marittimi, Anness IV |
| | Nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastiment | Erba' ittri alfanumeriċi | Nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti, l-Anness V |

*Dejta:* Numru ta' passiġġieri esklużi passiġġieri fuq kroċieri li jibdew u jtemmu kroċiera u passiġġieri fuq kroċieri fuq eskursjoni

**Sett ta' dejta E1**: Trasport bil-baħar fil-portijiet Ewropej ewlenin skond il-port, it-tip ta' merkanzija, ir-relazzjoni u n-nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti

Perjodiċità: annwali

| | Varjabbli | Dettal tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | E1 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (0) |
| | Il-port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE magħżula fil-lista |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | il ġewwa, 'l barra (1, 2) |
| | Port ta' tagħbija/ħatt | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE fil-lista tal-portijiet |
| | Relazzjoni | Erba' ittri alfanumeriċi | Żoni kostali marittimi, Anness IV |
| | Tip ta' merkanzija | Ittra waħda alfanumerika | Tip ta' merkanzija, Anness II |
| | Nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastiment | Erba' ittri alfanumeriċi | Nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti l-Anness V |

*Dejta:* Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati.

**Sett ta' dejta F1**: Traffiku tal-bastimenti fil-portijiet Ewropej, fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip u d-daqs tal-bastiment li jgħabbi jew iħott il-merkanzija, li jtella' jew iniżżel passiġġieri (inklużi passiġġieri fuq kroċieri fuq eskursjoni tal-passiġġieri fuq kroċieri)

Perjodiċità: ta' kull kwart tas-sena

| | Varjabbli | Dettall tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | F1 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (1, 2, 3, 4) |
| | Il-port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE magħżula fil-lista tal-portijiet |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | 'il ġewwa, 'l barra (1, 2) |
| | Tip ta' bastiment | Żewġ ittri alfanumeriċi | Tip ta' bastiment, l-Anness VI |
| | Daqs tal-bastiment DWT | Żewġ ittri alfanumeriċi | Klassijiet tad-daqs f'tunnellaġġ gross jew *deadweight* l-Anness VII |

*Dejta:* Numru ta' bastimenti;
Deadweight tal-bastimenti f'tunnellati

**Sett ta' dejta F2**: Traffiku tal-bastimenti fil-portijiet Ewropej, fil-portijiet Ewropej ewlenin skond il-port, it-tip u d-daqs tal-bastiment li jgħabbi jew iħott il-merkanzija, li jtella' jew iniżżel passiġġieri (inklużi passiġġieri fuq kroċieri fuq eskursjoni tal-passiġġieri fuq kroċieri)

Perjodiċità: ta' kull kwart tas-sena

| | Varjabbli | Dettall tal-kodifikazzjoni | Nomenklatura |
|---|---|---|---|
| Qisien | Sett ta' dejta | Żewġ ittri alfanumeriċi | F2 |
| | Sena ta' referenza | Erba' ittri alfanumeriċi | (eż. 1997) |
| | Kwart ta' referenza | Ittra waħda alfanumerika | (1, 2, 3, 4) |
| | Il-port li jagħmel ir-rapport | Ħames ittri alfanumeriċi | Portijiet ŻEE magħżula fil-lista tal-portijiet |
| | Direzzjoni | Ittra waħda alfanumerika | 'il ġewwa, 'l barra (1, 2 |
| | Tip ta' bastiment | Żewġ ittri alfanumeriċi | Tip ta' bastiment, l-Anness VI |
| | Daqs tal-bastiment GT | Żewġ ittri alfanumeriċi | Klassijiet tad-daqs f'tunnellaġġ gross, l-Anness VII |

*Dejta:* Numru ta' bastimenti; Tunnellaġġ gross tal-bastimenti
Tunnellaġġ gross tal-bastimenti.

*ANNESS IX*

## PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha**

(imsemmi fl-Artikolu 12)

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE<br>(ĠU L 320, 30.12.1995, p. 25) | |
| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/385/KE<br>(ĠU L 174, 18.6.1998, p. 1) | Artikolu 3 biss |
| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/363/KE<br>(ĠU L 132, 5.6.2000, p. 1) | Artikolu 1 biss |
| Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) | Anness II, punt 20 biss |
| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/366/KE<br>(ĠU L 123, 17.5.2005, p. 1) | Artikolu 1 biss |
| Regolament tal-Kummisssjoni (KE) Nru. 1304/2007<br>(ĠU L 290, 8.11.2007, p. 14) | Artikolu 1 biss |

## PARTI B

**Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

(imsemmi fl-Artikolu 12)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 95/64/KE | fil-31 ta' Diċembru 1996. |

*ANNESS X*

**TABELLA TA’ KORRELAZZJONI**

| Direttiva 95/64/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 2, punt (a), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 2(1), it-tieni subparagrafu, punti (a) u (b) | Artikolu 2, punt (a), it-tieni subparagrafu, punti (i) u (ii) |
| Artikolu 2(1), it-tielet subparagrafu | Artikolu 2, punt (a), it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 2(2) sa (5) | Artikolu 2, punti (b) sa (e) |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 4(2), it-tielet subparagrafu | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 4(3) | Artikolu 4(3) |
| Artikolu 5, 6 u 7 | Artikolu 5, 6 u 7 |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 8 |
| Artikolu 8(2) | — |
| Artikolu 9 | Artikolu 9 |
| Artikolu 10 | — |
| Artikolu 11 | — |
| Artikolu 12 | — |
| Artikolu 13 (1) u (2) | Artikolu 10(1) u (2) |
| — | Artikolu 10(3) |
| Artikolu 13(3) | — |
| Artikolu 14(1) | — |
| Artikolu 14(2) | Artikolu 11 |
| — | Artikolu 12 |
| Artikolu 15 | Artikolu 13 |
| Artikolu 16 | Artikolu 14 |
| Anness I sa VIII | Anness I sa VIII |
| — | Anness IX |
| — | Anness X |

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-29 ta' Mejju 2009**

**li tagħti deroga mitluba mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-Ingilterra, l-Iskozja u Wales skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3853)*

**(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)**

(2009/431/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Anness III tagħha,

Billi:

(1) Jekk l-ammont ta' demel li Stat Membru bi ħsiebu japplika għal kull ettaru fis-sena huwa differenti minn dak speċifikat fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE u fil-punt (a) tiegħu, dak l-ammont għandu jiġi ffissat sabiex ma jippreġudikax l-ilħiq tal-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva u għandu jkun iġġustifikat fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, bħalma huma, fil-każ attwali, l-istaġuni twal ta' tkabbir u l-uċuħ b'rata għolja ta' assorbiment tan-nitroġenu.

(2) Fl-14 ta' Jannar 2009, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ressqu talba lill-Kummissjoni għal deroga skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Anness III għad-Direttiva 91/676/KEE fir-rigward tal-Ingilterra, l-Iskozja u Wales.

(3) Id-deroga mitluba tikkonċerna l-intenzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq li jippermettu, fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales, l-għoti ta' kwantitajiet ta' nitroġenu li jistgħu jilħqu l-250 kg għal kull ettaru fis-sena mid-demel ta' bhejjem f'farms bil-mergħat. Huwa stmat li madwar 1 950 azjenda fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales, jiġifieri 1,3 % tal-farms totali, 1,5 % tal-Art Agrikola Użata u 21 % tat-total tal-unitajiet tal-bhejjem tal-ħalib huma koperti mid-deroga.

(4) Il-leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva 91/676/KEE, inkluż in-nominazzjoni ta' żoni vulnerabbli u t-twaqqif tal-programm ta' azzjoni fl-Ingilterra (Regulations 2008 No 2349), l-Iskozja (Regulations 2008 No 298) u Wales (Regulations 2008 No 3143), ġiet adottata u tapplika flimkien ma' din id-Deċiżjoni.

(5) Iż-żoni vulnerabbli nnominati li għalihom japplikaw il-programmi ta' azzjoni jkopru 68 % tal-erja totali tal-Ingilterra, 14 % tal-erja totali tal-Iskozja u 4 % tal-erja totali ta' Wales.

([1]) ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

(6) Id-dejta mibgħuta dwar il-kwalità tal-ilma turi li għall-ilma ta' taħt l-art fl-Ingilterra, 83 % mill-massa tal-ilma ta' taħt l-art għandha medja ta' konċentrazzjonijiet tan-nitrati taħt il-50 mg/l ta' nitrati u 58 % tal-konċentrazzjonijiet taħt il-25 mg/l ta' nitrati. Għall-Iskozja u Wales, aktar minn 90 % tal-massa tal-ilma ta' taħt l-art għandha medja ta' konċentrazzjonijiet tan-nitrati taħt il-50 mg/l ta' nitrati, u aktar minn 70 % għandha konċentrazzjonijiet taħt il-25 mg/l. Għall-ilma tal-pjan fl-Ingilterra aktar minn 50 % tas-siti ta' monitoraġġ għandhom medja ta' konċentrazzjonijiet tan-nitrati taħt il-25 mg/l u mhux aktar minn 9 % għandhom aktar minn 50 mg/l ta' nitrati. Għall-Iskozja u Wales aktar minn 90 % tas-siti ta' monitoraġġ għandhom medja ta' konċentrazzjonijiet tan-nitrati taħt 25 mg/l u ebda sit ma għandu aktar minn 50 mg/l ta' nitrati.

(7) Il-baqar għall-ħalib, il-baqar għaċ-ċanga u n-nagħaġ huma t-tipi ewlenin ta' bhejjem li jirgħu fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales u l-għadd ta' bhejjem juri xejra dejjem tonqos matul il-perjodu 1995-2007 (tnaqqis ta' 13 % għall-baqar u 22 % għan-nagħaġ u l-ħrief). Madwar 48 % tal-produzzjoni totali tad-demel tal-bhejjem jiġi ttrattat bħala demel solidu li ġej minn sistemi abbażi ta' tiben, 52 % tad-demel tal-bhejjem kollu jiġi ttrattat bħala demel likwidu.

(8) Matul l-aħħar 20 sena, l-użu ta' fertilizzanti kimiċi naqas b'42 % għan-nitroġenu u b'49 % għall-fosfru. L-użu tan-nitroġenu kimiku fuq mergħat għall-bhejjem għall-ħalib naqas b'37 % mill-1999 u jammonta għal 128 kg N/ettaru fl-2007. Il-bilanċi nazzjonali tan-nitroġenu u l-fosfru tal-OECD juru tnaqqis għall-perjodu mill-1985 sal-2002, tal-bilanċ tan-nitroġenu minn 46 għal 22 kg N/ettaru u tal-bilanċ tal-fosfru minn 15 sa 12 kg P/ettaru.

(9) Il-mergħat ikopru 69 % tal-erja agrikola totali fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales fejn 46 % minnhom huma mergħa estensiva u 54 % mergħa mmaniġġjata. 31 % tal-erja agrikola totali hija art li tinħadem.

(10) Id-dokumenti anċillari li tressqu man-notifika juru li l-proposta għal ammont ta' 250 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena minn demel ta' bhejjem li jirgħu f'farms b'mergħat hija ġġustifikata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi bħalma huma preċipitazzjoni għolja netta, staġuni twal ta' tkabbir, u produzzjoni għolja ta' ħaxix b'assorbiment għoli ta' nitroġenu.

(11) Il-Kummissjoni, wara li eżaminat it-talba, tqis li l-ammont propost ta' 250 kg għal kull ettaru mhux se jippreġudika l-ilħiq tal-għanijiet tad-Direttiva 91/676/KEE, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet stretti.

(12) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi applikata flimkien mal-programmi ta' azzjoni fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales għall-perjodu mill-2009 sal-2012.

(13) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nitrati stabbilit skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/676/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-deroga mitluba mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-Ingilterra, l-Iskozja u Wales għall-għan li jkun permess ammont ogħla ta' demel tal-bhejjem minn dak li hemm dispożizzjoni għalih fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE u fil-punt (a) tiegħu, qed tingħata, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Farms bil-mergħat" tfisser azjendi fejn 80 % jew aktar tal-erja agrikola disponibbli għall-għotja tad-demel hija art miksija bil-ħaxix,

(b) "Bhejjem li jirgħu" tfisser baqar (għajr għall-għoġġiela tal-vitella), nagħaġ, ċriev, mogħoż u żwiemel,

(c) "Art miksija bil-ħaxix" tfisser mergħa permanenti jew temporanja (temporanjament timplika art miżrugħa għal anqas minn erba' snin).

*Artikolu 3*

**Ambitu**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-farms bil-mergħat każ b'każ u soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 u 6.

*Artikolu 4*

**Awtorizzazzjoni u impenn annwali**

1. Il-bdiewa li jridu jibbenefikaw minn deroga għandhom iressqu applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kull sena.

2. Flimkien mal-applikazzjoni annwali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintrabtu bil-miktub li se jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 5 u 6.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet kollha għal deroga jitressqu għal kontroll amministrattiv. Meta l-kontroll juri li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 5 u 6 ma jintlaħqux, l-applikant għandu jiġi mgħarraf b'dan. F'dan il-każ, l-applikazzjoni għandha titqies li ma ġietx aċettata.

*Artikolu 5*

**L-għoti tad-demel u fertilizzanti oħrajn**

1. L-ammont ta' demel tal-bhejjem li jirgħu li jingħata fis-sena f'farms bil-mergħat, inkluż dak mill-bhejjem stess, ma għandux jaqbeż l-ammont ta' demel li jkun fih 250 kg nitroġenu għal kull ettaru, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7.

2. L-ammonti totali tan-nitroġenu mogħti ma għandhomx jaqbżu d-domanda prevista ta' sustanzi tal-wiċċ ikkunsidrat u jqisu l-provvista mill-ħamrija.

3. Għal kull farm, għandu jinżamm pjan ta' fertilizzazzjoni b'deskrizzjoni tan-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-farm u l-għoti ppjanat ta' demel u fertilizzanti tan-nitroġenu u tal-fosfat. Dan għandu jkun disponibbli fil-farm kull sena kalendarja sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu.

Il-pjan ta' fertilizzazzjoni għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-għadd ta' bhejjem, deskrizzjoni tas-sistemi għaż-żamma tagħhom u l-ħżin, inkluż il-volum disponibbli għall-ħżin tad-demel;

(b) kalkolu tan-nitroġenu (li minnu jitnaqqas it-telf fiż-żamma u l-ħażna) u l-fosfru mid-demel li jiġi prodott fil-farm;

(c) in-newba tal-uċuħ u l-erja ta' kull wiċċ, flimkien ma' pjanta li turi l-lokalità ta' għelieqi separati;

(d) ir-rekwiżiti prevedibbli ta' nitroġenu u fosfru tal-uċuħ;

(e) l-ammont u t-tip ta' demel li jingħata barra mill-farm jew fil-farm;

(f) ir-riżultati tal-analiżi tal-ħamrija relatati mal-istatus tan-nitroġenu u tal-fosfru fil-ħamrija, jekk ikunu disponibbli;

(g) l-għoti ta' nitroġenu u ta' fosfru mid-demel fuq kull għalqa;

(h) l-għoti ta' nitroġenu u ta' fosfru b'fertilizzanti kimiċi kif ukoll fertilizzanti oħrajn fuq kull għalqa.

Il-pjanijiet għandhom jiġu riveduti sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara kwalunkwe bidla fil-prattiki agrikoli sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-pjanijiet u l-prattiki agrikoli attwali.

4. Kull farm għandu jżomm kontijiet tal-fertilizzazzjoni, fosthom informazzjoni relatata mal-ġestjoni tal-għoti ta' nitroġenu u fosfru. Dawn għandhom jitressqu lill-awtorità kompetenti għal kull sena kalendarja.

5. Kull farm bil-mergħat li jibbenefika minn deroga għandu jaċċetta li l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 4, il-pjan ta' fertilizzazzjoni u l-kontijiet tal-fertilizzazzjoni jistgħu jiġu soġġetti għal kontroll.

6. Ir-riżultati tal-analiżi tan-nitroġenu u l-fosfru fil-ħamrija għandhom ikunu disponibbli għal kull farm li jibbenefika minn deroga. L-analiżi u t-teħid ta' kampjuni għandhom jitwettqu tal-anqas darba kull erba' snin għall kull erja omoġenja tal-farm, fir-rigward tan-newba tal-uċuħ u l-karatteristiċi tal-ħamrija. Tkun meħtieġa, tal-anqas, analiżi waħda għal kull ħames ettari ta' raba'.

7. Id-demel tal-bhejjem ma għandux jitferrex fil-ħarifa, qabel il-kultivazzjoni tal-ħaxix.

*Artikolu 6*

**Il-ġestjoni tal-art**

80 % jew aktar tal-erja disponibbli għall-għoti tad-demel fuq farms għandha tkun kkoltivata bil-ħaxix. Il-bdiewa li jibbenefikaw minn deroga individwali għandhom iwettqu l-miżuri li ġejjin:

(a) mergħa temporanja fuq ħamrija ramlija għandha tinħarat fir-rebbiegħa;

(b) l-art miksija bil-ħaxix li tinħarat fuq it-tipi kollha ta' ħamrija għandha tiġi segwita minnufih b'wiċċ b'domanda għolja ta' nitroġenu;

(c) in-newba tal-uċuħ ma għandhiex tinkludi pjanti leguminużi jew pjanti oħrajn li jassimilaw in-nitroġenu atmosferiku. Madankollu, dan mhux se japplika għas-silla f'mergħa b'inqas minn 50 % ta' silla jew għall-pjanti leguminużi oħrajn li jinżergħu flimkien mal-ħaxix.

*Artikolu 7*

**Miżuri oħrajn**

Din id-deroga għandha tapplika mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħtieġa għall-konformità ma' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-ħarsien tas-saħħa pubblika u s-saħħa tal-annimali u tal-ambjent.

*Artikolu 8*

**Il-monitoraġġ**

1. L-awtorità kompetenti għandha tħejji u taġġorna kull sena l-pjanti li juru l-perċentwali ta' farms bil-merghat, il-perċentwali ta' bhejjem u l-perċentwali ta' art agrikola koperta minn deroga individwali f'kull Distrett. Dawn il-pjanti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni kull sena, meħmuża mar-rapport imsemmi fl-Artikolu 10 ta' din id-deċiżjoni.

2. Il-monitoraġġ tal-farms li huma koperti bil-programm ta' azzjoni u d-deroga, għandu jitwettaq fuq l-iskala ta' għelieqi tal-farm u f'żoni agrikoli ta' monitoraġġ. Iż-żoni ta' monitoraġġ ta' referenza għandhom jirrappreżentaw it-tipi differenti ta' ħamrija, il-livelli ta' intensità u l-prattiki ta' fertilizzazzjoni.

3. L-istħarriġ u l-analiżi tas-sustanzi kif imsemmija fl-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni għandhom jipprovdu dejta dwar l-użu lokali tar-raba', in-newba tal-uċuħ u l-prattiki agrikoli fuq farms li jibbenefikaw minn derogi individwali. Dik id-dejta tista' tintuża għal kalkoli bbażati fuq mudelli tal-ammont tal-lissija tan-nitrati u tat-telf tal-fosfru minn għelieqi li jingħataw sa 250 kg nitroġenu għall kull ettaru fis-sena f'demel minn bhejjem li jirgħu.

4. Il-monitoraġġ tal-ilma tal-pjan qrib il-wiċċ, l-ilma tal-ħamrija, l-ilma tad-dranaġġ u n-nixxiegħat f'farms li jaqgħu fiż-żoni agrikoli ta' monitoraġġ għandhom jipprovdu d-dejta dwar il-konċentrazzjoni ta' nitrati u fosfru fl-ilma li jħalli l-ħamrija li fiha hemm l-għeruq u jidħol fl-ilma ta' taħt l-art u fl-ilma tal-pjan.

5. Għandu jitwettaq monitoraġġ tal-ilma aktar bir-reqqa għal żoni agrikoli li jinsabu qrib massa tal-ilma l-aktar vulnerabbli.

6. Għandu jsir studju sabiex, sa tmiem il-perjodu tad-deroga, tinġabar informazzjoni xjentifika dettaljata dwar is-sistemi ta' mergħat għal użu intensiv u b'hekk tkun tista' tittejjeb il-ġestjoni tas-sustanzi. Dan l-istudju se jiffoka fuq it-telf tas-sustanzi, inkluż it-tlissija tan-nitrati, it-telf minn denitrifikazzjoni u t-telf tal-fosfat, f'sistemi ta' produzzjoni intensiva tal-ħalib f'żoni rappreżentattivi.

*Artikolu 9*

**Kontrolli**

1. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha twettaq kontrolli amministrattivi tal-farms kollha li jibbenefikaw minn deroga individwali għall-valutazzjoni tal-konformità mal-kwantità massima ta' 250 kg nitroġenu għal kull ettaru fis-sena mid-demel tal-bhejjem li jirgħu, mar-rati massimi ta' fertilizazzjoni tan-nitroġenu, u mal-kundizzjonijiet tal-użu tal-art.

2. Għandu jkun stabbilit programm ta' spezzjonijiet tal-għelieqi bbażat fuq l-analiżi tar-riskju, ir-riżultati tal-kontrolli tas-snin ta' qabel u r-riżultati ta' kontrolli aleatorji ġenerali tal-leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva 91/676/KEE. L-ispezzjonijiet tal-għelieqi għandhom ikopru tal-anqas 3 % tal-farms li jibbenefikaw minn deroga individwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

*Artikolu 10*

**Ir-rappurtar**

1. L-awtorità kompetenti għandha tressaq ir-riżultati tal-monitoraġġ lill-Kummissjoni kull sena, b'rapport konċiż dwar l-evoluzzjoni tal-kwalità tal-ilma u l-prattika tal-evalwazzjoni. Ir-rapport għandu jagħti informazzjoni dwar kif titwettaq l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet tad-deroga permezz ta' kontrolli fil-livell ta' farms u għandu jinkludi informazzjoni dwar farms mhux konformi fuq il-bażi ta' riżultati ta' spezzjonijiet amministrattivi u tal-għelieqi.

L-ewwel rapport għandu jintbagħat sa Ġunju 2010 u sa Ġunju ta' kull sena ta' wara.

2. Ir-riżultati miksuba b'dan il-mod se jitqiesu mill-Kummissjoni fir-rigward ta' talba ġdida eventwali għal deroga.

*Artikolu 11*

**L-applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika fil-kuntest tar-regolamenti li jimplimentaw il-programm ta' azzjoni fl-Ingilterra (Regulations 2008 No 2349), l-Iskozja (Regulations 2008 No 298) u Wales (Regulations 2008 No 3143). Għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012.

*Artikolu 12*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | | |
|---|---|---|
| bi 32 paġna: | 6 EUR |
| minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT